# Leħen il-Parroċċa ta' Ħal Safi

Festa 2014 Ħarġa Nru. 36



Merħba lill-Kappillan il-ġdid
Dun David Farrugia

# Leħen il-Parroċċa ta' Ħal Safi




*Ritratt tal-faċċata:*
*Il-Kappillan il-ġdid Dun David Farrugia*

**Bord Editorjali**

***President:***
Kappillan
Dun David Farrugia

***Editur:***
Tarcisio Barbara

***Membri:***
Ex Kappillan Kan. Dun Ġużepp M. Farrugia
Dun Karm Zammit
Paul Callus

***Ritratti:***
Tarcisio Barbara

***Indirizz:***
21, Triq Santa Marija,
Safi - SFI 1211
Tel: 21649223

---

**Issettjat u Stampat**
**Print Right Ltd. - Qormi**
**Tel:** 21250994
**Mob:** 99490344
**e-mail:**printright@onvol.net

# F'din il-Ħarġa...

**1.** Editorjal
**2.** Messaġġ mill-Eks Kappillan
**3.** Messaġġ mill-Kappillan il-ġdid
**5.** Profil tal-Kappillan
**8.** Messaġġ minn Dun Karm Zammit
**9.** It-Triq ta' Damasku: Il-Falliment ta' San Pawl
**12.** Kieku San Pawl kellu jiktbilna ittra, ...
**13.** Magħqudin ħaġa waħda fi Kristu
**14.** Komunikazzjoni Virtwali Vs ...
**15.** Meta tagħti, aktar tirċievi...
**19.** Restawr li sar fil-Knisja
**26.** Iż-Żjara f'Malta 2014
**27.** Rendikont Festa San Pawl 2013
**28.** Kif kien fit-triq, qorob lejn Damasku...
**36.** Programm tal-Festa 2014
**41.** Is-Sejħa - Bluha jew Grazzja?
**42.** San Ġwann Pawlu II - kif jafuh
**50.** Messaġġ ta' Ringrazzjament
**55.** Ir-rabta u l-għaqda tan-Nisrani...
**61.** It-tagħlim ta' San Pawl dwar l-Imħabba vera..
**66.** Twelidt fil-Poplu ta' Iżrael, mit-Tribu ta'...
**68.** X'inhu l-Essenzjal?
**68.** Kemm Ħabbna l-Mulej
**70.** Mir-Reġistri tal-Parroċċa
**72.** Avviżi



*Editorjal*

# *Merħba lill-Kappillan il-Ġdid*

***Tarcisio Barbara***

Fl-ewwel ġranet ta' Ġunju li għadda, il-Kunsill Pastorali Parrokkjali (KPP) ġie mgħarraf li l-Kan. Dun Ġużepp M. Farrugia kien se jispiċċa minn Kappillan ta' Ħal Safi. Fil-ġranet ta' wara ġejna msejħin mill-Kurja biex ikollna laqgħa ta' konsultazzjoni mal-Arċisqof rigward il-ħatra ta' Kappillan ġdid. Fl-14 ta' Ġunju morna l-Kurja, jien flimkien ma' delegazzjoni mill-KPP, fejn urejna x'nixtiequ li jwettaq fil-Parroċċa l-Kappillan il-ġdid.

Il-prijoritajiet tagħna waqt il-laqgħa kienu: li jkompli jsaħħaħ il-KPP kif kien beda jagħmel Dun Ġużepp, fost affarijiet oħra biex inwaqqfu Kunsill Ekonomiku u nkomplu nsaħħu l-Kummissjonijiet b'mod speċjali Żgħażagħ u Familja, kif ukoll tingħata attenzjoni iżjed lill-Abbatini. Xtaqna wkoll li l-Kappillan il-ġdid ikompli fejn ħallew il-Kappillani ta' qablu fejn jidħol restawr tal-Knisja, Ċentru Parrokkjali u l-Mużew il-qadim. Urejna x-xewqa li issa jkollna Kappillan żgħir ħalli jkollu iżjed enerġija u dan peress li aktarx se jkun waħdu.

Fil-ġranet ta' wara ġejt infurmat li l-Kappillan il-ġdid se jkun Dun David Farrugia. Sinċerament ma kontx naf min hu u għaldaqstant minnufih dħalt fl-internet biex nara nsibx xi ħaġa fuqu. Kif bdejt naqra fuqu kont sorpriż u emozzjonat għax dawk il-kwalitajiet li xtaqna mill-Kappillan il-ġdid u li tlabna lill-Arċisqof, kollha jinsabu f'Dun David. Għalkemm għadu żgħir fl-età, diġà għandu esperjenza ta' dawk il-kwalitajiet li xtaqna minn diversi Parroċċi u Skejjel. (Araw il-profil tiegħu f'paġna 5)

Ninsab ċert li se jkollna Kappillan ħabrieki li se jkun viċin il-parruċċani. Nilqgħuh fostna bil-ferħ u waqt li nifirħulu, nawgurawlu li jaħdem ħafna fostna għall-ġid spiritwali tal-Ħalsafin kollha.

**Il-Festa ta' San Pawl**

Bħal kull sena, se niċċelebraw il-Festa ad unur San Pawl, li tiġi waħda mill-aħħar festi tal-istaġun. Kif nagħmel dejjem, nappellalkom biex minn din il-Festa nerġgħu nitħeġġu billi nersqu aktar lejn il-knisja, nieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet li se jsiru sabiex nogħġbu lil San Pawl u nagħtu glorja lil Alla, u nagħtu eżempju tajjeb lill-oħrajn. Niffesteġġjaw u nieħdu pjaċir ukoll billi nattendu għall-attivitajiet l-oħra li se jsiru barra, bħal marċi u nar.

Qabel nagħlaq nixtieq ngħid grazzi għan-nom tal-Parroċċa lil dawk kollha li qed jikkontribwixxu għal dan il-fuljett, b'mod speċjali lill-artikolisti u lil dawk li qed jirreklamaw.

Nawguralkom Festa sabiħa, Festa Qaddisa.

*Messaġġ mill-Eks Kappillan*

# *Grazzi lis-Safjin*



***Rev. Kan. Dun Ġużepp M. Farrugia***

Għeżież,

Kull bidu għandu tmiem jgħid il-Malti. F'dawn l-aħħar tliet snin li qattajt magħkom sirna nafu lil xulxin u ħdimna flimkien. Sinċerament ngħidilkom, batejt u sofrejt magħkom u fl-istess waqt tfarraġt magħkom ukoll. Kont ferħan bikom u l-ferħ tiegħi kien meta kont inkun magħkom. Fuq kollox tgħallimt ħafna mingħandkom. Kienet esperjenza sabiħa. Ta' dan inrodd ħajr 'l Alla!

Matul dan iż-żmien f'nofskom rajt lil Mulej jaħdem bil-qawwa kbira tiegħu. Rajt nies jinbidlu minn lejl għal nhar. Rajt familji jerġgħu jingħaqdu flimkien. Rajt nies ifiqu. Rajt nies jitbissmu wara snin imweġġgħin. Rajt nies jimtlew bi grazzji kbar għax irċevew is-Sagramenti u llum il-ġurnata jinsabu ferħana b'Ġesù u mal-komunità parrokkjali.

Waqt li nifraħ fuq li nifraħ quddiem dan kollu, qalbi tingħafas quddiem dawk li baqgħu 'l bogħod.
F'dan il-mument nitlob maħfra 'l Alla u lilkom talli minkejja r-rieda tajba u sforzi tiegħi, forsi kien hemm okkażjonijiet fejn stajt imxejt aħjar. Ċert li għamilt mill-aħjar li stajt.

Fraħt ħafna ma' tant familji bilgħaqal li sibt Ħal Safi, li jien kont inżur u dan kien il-ferħ tiegħi. Komplu rabbu tajjeb u nitlobkom tħallu lil uliedkom fl-għaqdiet reliġjużi. Żommu l-Ġesù dejjem magħkom u f'nofskom. Jekk hemm xi nkwiet jew differenzi, għall-imħabba ta' wliedkom, bir-rieda tajba tagħkom, b'għajnuna tajba u parir f'waqtu agħżlu dejjem it-triq tal-paċi u dik li tgħaqqadkom. Inneħħu kull egoiżmu.

Niżżi ħajr lill-parroċċa kollha għall-kooperazzjoni li sibt minn kull qasam. Grazzi lil Dun Karm Zammit, lill-għaqdiet reliġjużi u soċjali, lill-katekisti, lill-helpers, lill-morda li żgur jgħinu lill-parroċċa bit-talb tagħhom. Grazzi wkoll lil dawk kollha li kelli x-xorti ngawdi l-ħbiberija tagħhom. Jalla San Pawl, li ħafna minnkom tant intom entużjasti għalih, jgħinkom biex bħalu tagħtu xhieda u taħdmu s-sena kollha għal Ġesù. Poġġu lil Ġesù fiċ-ċentru ta' ħajjitkom bħal m'għamel missierna San Pawl. Hekk biss San Pawl ikun ferħan bikom.

Nitlob li l-istess għajnuna li tajtu lili tagħtuha lill-Kappillan il-ġdid.

Jien ċert li l-ftit snin li għaddejt fostkom ma jien se ninsiehom qatt. Nitolbu għal xulxin. Intom tibqgħu dejjem f'qalbi bħal ulied maħbuba li l-Mulej għoġbu jagħtini biex inservi għal dawn is-snin.

Saħħiet u l-Mulej iberikna lkoll.



*Messaġġ għall-Festa 2014 mill-Kappillan il-ġdid*

# *Grazzja lilkom u Sliem mingħand Alla l-Missier tagħna u l-Mulej Ġesù Kristu*

***Rev. Dun David Farrugia***

Ħsibt li jkun tassew xieraq li nikteb dan l-ewwel messaġġ tiegħi għall-festa, jew aħjar nintroduċi l-messaġġi u l-ħsibijiet tiegħi bħala Kappillan ta' din il-Parroċċa, fid-dawl tat-Tislima li l-qaddis padrun ta' Ħal Safi, San Pawl, kien iħobb jindirizza f'kull ittra li għandna fil-Ġdid Testment u li hi assoċjata miegħu. Pawlu, missierna fil-fidi, dejjem sellem lill-Insara li kien qed jiktbilhom u ntroduċa lilu nnifsu b'dan il-mod: "Grazzja u sliem mingħand Alla Missierna u l-Mulej Ġesù Kristu".

Għeżież Ħalsafin, u dawk kollha li għal matul il-ġimgħa tal-Festa se tingħaqdu magħna, waqt li nsellmilkom, nixtieq li matul dawn il-jiem speċjali ta' ċelebrazzjonijiet f'ġieħ San Pawl, mhux biss niltaqgħu u nieħdu gost u nagħmlu festa, imma li fuq kollox nindunaw tabilħaqq għal liema raġuni u f'liema spirtu għandha ssir din il-festa.

Grazzja u Sliem

Nifirħu u niċċelebraw, u dan bir-raġun għaliex bħala Nsara, f'San Pawl u l-Konverżjoni tiegħu, aħna msejħin biex naraw il-qawwa tal-grazzja ta' Alla li tmiss u taħdem fil-bniedem. Il-grazzja ta' Alla mhijiex aptit, mhijiex burdata, u lanqas fissazzjoni. Pjuttost, il-grazzja ta' Alla nistgħu niddeskrivuha bħala dik l-Imħabba li toffri lilha nnifisha b'mod gratwit u mingħajr l-ebda kundizzjoni; dik l-Imħabba li ladarba tmiss lill-bniedem iżżarmah mill-Jien u minn dak li kapaċi jagħmel il-Jien, u tibnih fl-Għodda magħżula u għażiża ta' Alla għall-qadi tiegħU fost il-bnedmin. Hi din l-Imħabba li lill-bniedem, imħeġġeġ kemm hu mħeġġeġ għal Alla, kapaċi taqliblu ħajtu ta' taħt fuq u ġġeddu b'tali mod li tgħallmu jintelaq f'idejn Alla stess u ħajtu ssir l-espressjoni tal-Grazzja u l-Imħabba tiegħu għall-bnedmin ta' madwaru. U permezz ta' din il-konverżjoni, li San Pawl jiddeskriviha bħala li: "Ngħix, imma mhux jien, iżda jgħix fija Kristu" [Gal:2:20], li persuna ssir ukoll strument ta' paċi u sliem: dik is-serenità personali li kapaċi tgħin lill-bniedem li jemmen biex ma jagħmilx ta' rasu, imma jkun pont ta' djalogu għal min għandu rieda tajba u ma jintrabatx biss mal-ideat u l-qawwiet tiegħu.

Mingħand Alla Missierna u l-Mulej Ġesù Kristu

Din il-grazzja u s-sliem ma jseħħux biss bil-ħila ta' min jemmen, imma tassew jidhru fil-ħajja bħala r-rigali speċjali li Alla l-Missier tana fil-Mulej Ġesù Kristu Ibnu, għax "hawn qiegħda l-imħabba; mhux għax aħna ħabbejna 'l Alla, imma għax ħabbna Hu u bagħat lil

Ibnu biex ikun ta' tpattija għal dnubietna." ġ1 Ġw 4:11ħ Nistgħu ngħidu li Sawlu ta' Tarsu, li ġġedded u sar Pawlu, l-Appostlu tal-ġnus, din il-verità għarafha u għexha tassew billi poġġa lilu nnifsu għas-servizz tiegħU u tal-Knisja tiegħu, u kontinwament fittex li jkun strument tal-grazzja u s-sliem lill-komunitajiet Insara li kien iżur jew jikteb.

Għal Ħajjitna

Għeżież Ħalsafin, għalija personali din it-tislima ma għadhiex tfisser biss l-iskop tal-vokazzjoni tiegħi bħala saċerdot, imma issa, aktar u aktar bħala l-Kappillan tagħkom, bdiet tfisser u titlob minni impenn akbar biex inkun qaddej tal-Grazzja u tas-Sliem li Alla kontinwament qed joffrilkom. Għalhekk nitlobkom titolbu għalija u tgħinuni f'din il-missjoni li għandi magħkom f'Isem Alla l-Ħaj.

Mill-banda l-oħra, inħoss li għalikom, din it-tislima hi sejħa biex flimkien nagħrfu l-prijoritajiet ta' x'għandu jagħmilna Parroċċa: il-Poplu ta' Alla, imżejjen bil-grazzja u s-sliem, li qed jgħix f'dan it-territorju partikulari. Għaldaqstant inħeġġiġkom u nitlob għalikom biex il-"grazzja u s-sliem mingħand Alla Missierna u l-Mulej Ġesù Kristu" ikunu tassew fostna u jidhru b'mod ċar bħala r-rigali tiegħu li waqt li ngħixuhom, nieħdu gost niċċelebrawhom u naqsmuhom ma' dawk li minn żmien għal żmien ikunu fostna.

Il-Festa t-Tajba lil Kulħadd!

**Johnny Holidays**
Travel Centre

**John Zammit**

***Incoming Travel Agency***

Triq il-Bronja
Żurrieq
**MALTA**

Tel: (+356) 2164 7647
Mob: (+356) 7944 4082
Fax: (+356) 2164 7640
e-mail: info@johnnyholidays.com
**www.johnnyholidays.com**



# *Min hu l-Kappillan il-ġdid ta' Ħal Safi*

## ***Insiru nafu xi ħaġa dwaru u dwar il-familja tiegħu***

Illum il-ġurnata Dun David Farrugia għandu madwar 35 sena u ilu 10 snin saċerdot.

Imwieled fl-Isptar Santa Katerina ġewwa Ħ'Attard nhar l-24 ta' April, 1979 minn Vincent Farrugia u Jane – aktar magħrufa bħala Vanna – née Cefai, Dun David hu t-tieni iben minn tlieta.

Waqt li l-missier Vincent, li ġie nieqes madwar sena ilu, kien mill-Belt Valletta, ommu Vanna hija minn Ħal Qormi, il-lokalità fejn il-familja Farrugia tgħix. Ħuh Tonio hu ħames snin ikbar minnu u kien iggradwa bħala *accountant*. Ħuh iż-żgħir Carmel, għaxar snin iżgħar minn Dun David, hu ggradwat bħala *pyshiotherapist* u jaħdem fl-Isptar Mater Dei. Iż-żewġ aħwa huma membri attivi tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija – M.U.S.E.U.M., tant li Tonio issa ilu wkoll madwar 11-il sena ġewwa Lurin fil-Perù, u għal numru ta' snin qed jaqdi l-ħidma bħala superjur ta' dan il-qasam.

Dun David tgħammed fil-kripta tal-Knisja Parrokkjali ta' San Sebastjan, Ħal Qormi, mill-Kappillan ta' dak iż-żmien – illum Monsinjur – Dun Vinċenz Deguara, u rċieva l-edukazzjoni Primarja fl-Iskola ta' Ħal Qormi (San Ġorġ), l-edukazzjoni sekondarja fil-Liċeo Mikiel Anton Vassalli tal-Ħandaq, Ħal Qormi, u l-edukazzjoni post-sekondarja fl-Università ta' Malta – Ġan Franġisk Abela – *Junior College*, Msida.

Tul dan iż-żmien, Dun David kien jirċievi wkoll il-formazzjoni Nisranija tiegħu fil-M.U.S.E.U.M., għal xi żmien fil-Leġjun ta' Marija, u għal numru ta' snin sewwa bħala abbati.

Nhar it-8 ta' Settembru 1997 Dun David ġie aċċettat fis-Seminarju Arċiveskovili Maġġuri ta' Malta, f'tal-Virtù, ir-Rabat u hemm beda jirċievi l-formazzjoni għas-saċerdozju waqt li jwettaq l-istudji tiegħu fil-Fakultà tat-Teoloġija (Filosofija u Teoloġija) fl-Università ta' Malta, fejn ġab Baċellerat u Liċenzjat fit-Teoloġija.

Il-Ħadd 19 ta' Ottubru 2003, Dun David, flimkien ma' Dun Brendan Gatt mill-Mosta, kien ordnat djaknu fil-Knisja Arċipretali ta' San Ġorġ Martri, Ħal Qormi. Minn hemm, bħala Djaknu, Dun David beda jwettaq il-ħidma pastorali fil-parroċċa

ta' Sant' Elena, Birkirkara. Nhar it-Tlieta 29 ta' Ġunju, 2004, fil-Konkatidral ta' San Ġwann l-Għammied, fil-Belt Valletta, Dun David, flimkien ma' Dun Brendan, ġie ordnat saċerdot minn Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca.

Bħala presbiteru, Dun David beda l-ħidma pastorali fil-Parroċċa ta' Ħal Tarxien fejn serva għal sentejn, sena minnhom bħala viċi-Kappillan (Settembru 2004 – Awwissu 2006). Imbagħad ġie maħtur viċi-Kappillan tal-parroċċa ta' Ħal Luqa u Rettur taż-żona ta' Ħal Farruġ fejn serva għal 4 snin (Settembru 2006 – Ottubru 2010). Tul dawn is-snin kien ukoll Direttur spiritwali tal-Kulleġġ San Benedittu: Skola Sekondarja Subien ta' Ħal Kirkop, fejn serva għal 6 snin, biss bi żjajjar limitati ħafna ta' darba fil-ġimgħa (Ottubru 2004 – Settembru 2010). Tul dawn l-aħħar 4 snin Dun David ġie msejjaħ biex iservi b'mod attiv bħala c-*Chaplain* tal-Università ta' Malta *Ġ.F. Abela Junior College*, fl-Imsida – Is-*Sixth Form* – u jgħin bħala Saċerdot fil-Parroċċa ta' Santa Luċija (Ottubru 2010 - Ġunju 2014).

Issa jinsab hawn fuq l-għatba ta' esperjenza ġdida – bħala Kappillan ta' Ħal Safi. Jalla Dun David mhux biss jingħata merħba minna, imma aħna lkoll inkunu kapaċi nafdawh u niskopruh bħala l-Ħabib u bħala l-Qassis skont il-Qalb ta' Kristu Ġesù u l-Qaddej tal-Poplu tiegħu.



# tower ironmongery





*suppliers of:*
Building Materials,
D.I.Y., Power Tools & Hand Tools,
Electrical & Plumbing, Water Heaters,
Grouting, Cement, Lime & Adhesive Products,
Drain Pipes & Fittings,
Galvanised Pipes & Fittings,
Aluminium Ladders, Curtain Rails, Rużuni,
Sanitary Fittings, Garden Tools,
Plastic Chairs & Tables,
Fans, Barbecues, Heaters,





# SIGMA PAINT DISPENSING SYSTEM



- An endless variety of colours to choose
- Available in three different sizes
- Interior & Exterior Paint
- Mixed while you wait



**Tower Street, Żurrieq ŻRQ 2360**
**Tel: 2164 0196**



# *Ir-Rebħ*

***Dun Karm Zammit***

Waqt li qed nikteb dawn il-kelmtejn, bħalissa l-*World Cup* qiegħda fl-aqwa tagħha. Min jilgħab tajjeb u jirbaħ, dejjem jista javanza għall-final. San Pawl ukoll jikteb dwar ir-rebħ u l-i*sports* f'waħda mill-ittri tiegħu. Mhux għax kien ikun preżenti, imma ta' bniedem li għex fost in-nies, kien jaf x'jiġri. Huwa qal lin-nies ta' Korintu li l-ġerrejja jieħdu kollox bil-qies, u dawn biex jirbħu xi kuruna. Imma aħna nitħabtu mhux għal din il-kuruna li tidbiel, imma waħda li jagħtihielna l-Mulej Ġesù. F'kelma waħda jħeġġiġna biex ngħixu l-ħajja Nisranija kif jixraq. Ma' din l-għajta ta' Pawlu, nistgħu nżidu wkoll dak li qalilna l-Papa Franġisku meta qal: "Xi tfisser ħajja bla Alla. Hi ħajja tad-deżert"; għalhekk ikompli l-Papa: "Ejjew ngħixu ħajja ta' ferħ billi nkunu Nsara veri, u nfittxu dak li hu tajjeb u xieraq".

Għalhekk aħna nagħmlu l-festa kull sena f'ġieħ l-Appostlu Missierna San Pawl Patrun tar-raħal tagħna, ħalli dejjem niftakru x'hemm jistenniena – kuruna li ma tidbiel qatt. Nieħu l-okkażjoni biex ngħid grazzi lil Dun Ġużepp Farrugia għaż-żmien li għamel fostna bħala kappillan fil-Parroċċa tagħna. Nawgura lil Dun David Farrugia, il-Kappillan ġdid tagħna, kull barka mill-Mulej għax-xogħol pastorali li se jkun qed iwettaq fostna.

San Pawl Missierna Berikna.

**PinkishLine**

*Your Photographer*

**www.pinkishline.com**



# *It-Triq ta' Damasku: Il-falliment ta' San Pawl*

*Sr Bibiana Grech O.P.*

Ix-xahar ta' Awwissu huwa għażiż għalina f'Ħal Safi għaliex huwa x-xahar li fih niċċelebraw il-festa tal-konverżjoni ta' San Pawl.

Kieku aħna f'daqqa waħda kellna nitilfu d-dawl t'għajnejna konna ngħidu: " Kemm jien sfortunata!" "Kemm jien sfortunat!". Imma San Pawl ma kienx iħares lejn id-diżgrazzji tiegħu bħala xi ħaġa negattiva, imma kien iħares lejhom bħala xi ħaġa pożittiva; bħal xi ħaġa li minnha wieħed jista' jakkwista xi ħaġa.

Meta ngħidu li t-triq ta' Damasku kienet falliment għal San Pawl, x'nifhmu fir-realtà? Il-fallimenti li kellu San Pawl kienu fallimenti kontinwi u aħna nibżgħu ħafna mill-fallimenti. Ħadd ma jieħu gost bil-fallimenti. Imma fir-realtà l-fallimenti huma dawk iċ-ċirkostanzi li fil-fatt jgħallmuna ngħixu. Jolqotni ħafna l-mod kif Abraham Lincoln kien iħares lejn il-fallimenti. Il-President Abraham Lincoln, l-iżjed president maħbub tal-Amerika, kien il-President li ħadem biex titneħħa l-liġi tal-iskjavitù fl-Amerika. Kien bniedem għaref. Meta kien ikun irid isib persuna għall-amministrazzjoni tiegħu naturalment kienu jagħtuh ismijiet biex minnhom jagħżel u l-*curriculum vitae* ta' kull persuna – kienu jagħtuh diversi attivitajiet, suċċessi li dawn il-persuni kellhom, fejn ikunu studjaw u x'esperjenzi kellhom. Lincoln kien jeżamina dawn kollha imma kien jitlob ukoll lista tal-fallimenti ta' kull persuna u din il-lista tal-fallimenti kienet tinteressah iżjed mil-lista tas-suċċessi. Kien jistudja l-fallimenti ta' dik il-persuna u jara kif dik il-persuna irreaġixxiet quddiem il-fallimenti; għaliex kien jgħid, " Jiena m'għandix bżonn xi ħadd li kellu dejjem suċċessi fil-ħajja, għax jekk ikolli xi ħadd li dejjem kellu suċċessi fil-ħajja, malli dan jiġi quddiem diffikultà ma jkunx jaf iħollha u jiġi għandi biex inħollhielu jien; allura dan x'irridu? Jien irrid xi ħadd li quddiem id-diffikultajiet kapaċi jħollhom u jekk bniedem qatt ma kellu fallimenti dan m'għandux esperjenza kif iħoll id-diffikultajiet li jiltaqa' magħhom." Kien għaref. Il-bniedem ma ssirx tafu waqt is-suċċess. Waqt is-suċċess ikollu maskra, imma meta bniedem ikun għaddej minn mument diffiċli hemmhekk joħroġ il-karattru kollu; tinnota kemm hu bniedem li fih hemm rabja, li fih hemm riżentiment, hux bniedem li jaf jaħfer jew le, jekk jiskuraġġix ruħu u jieqaf jew huwiex bniedem li waqt il-falliment donnu jieħu kuraġġ ikbar, jiġri iżjed. Waqt tellieqa min ikun l-ewwel imurlu l-entużjażmu li jiġri iżjed basta jkun għadu l-ewwel, imma min ikun it-tieni jew it-tielet, għax ma jkunx l-ewwel tiġih spinta ikbar biex jiġri iżjed ħalli jiġi l-ewwel.

Mela int waqt il-falliment ikollok spinta ikbar biex tiġri. Lincoln kien jeżamina l-fallimenti u skont il-mod ta' kif jara li l-persuna taffronta l-fallimenti kien jagħżel il-persuna. Il-fallimenti jgħallmuk, jagħtuk forza ġdida biex timxi 'l quddiem. Il-fallimenti fil-ħajja huma kontinwi. Meta ngħidu fallimenti x'nifhem jien? Il-veri fallimenti jkunu meta jiġu

quddiemek affarijiet kuntrarji li ma kontx tistenniehom u quddiem dik is-sitwazzjoni int tibqa' fuq riġlejk. Kemm nies jitilfu l-fiduċja fihom infushom u saħansitra jaqtgħu qalbhom mill-ħajja għax ġew wiċċ imbwiċċ ma' falliment u ma kenux kapaċi jirbħuh. Tiġi diffikultà u ma jafux kif iħolluha. Kemm persuni li sakemm huma b'saħħithom kollox sew; malli dawn jimirdu jingħalqu fihom infushom u d-dinja spiċċat għalihom!

Il-fallimenti jiġu fuq kulħadd. Li kieku kellna nħarsu lejn id-diffikultajiet li kellu Ġesù kif ukoll Marija nikkonvinċu lilna nfusna li aħna ma nistgħux inkunu eċċezzjoni. Id-dixxipli ta' Emmaws wara l-mewt ta' Ġesù ħassew ukoll il-falliment. Kellhom tama kbira f'Ġesù, imma meta rawh mejjet fuq is-salib ħasbu li kollox kien spiċċa u telqu mill-ġdid lejn Emmaws skuraġġuti – tilfu kull tama. Hekk hu l-falliment.

Meta aħna nkunu quddiem falliment nisimgħu żewġ ilħna – l-ewwel leħen hu l-leħen tax-xitan. Ix-xitan isibna fuq sieq waħda u hu dak li jkun irid. Meta jkollok qtigħ il-qalb, skuraġġiment, dwejjaq, faċli x-xitan jagħmel ħerba. Il-leħen l-ieħor huwa l-leħen tal-Mulej li jgħidlek: " Titlifx l-opportunità għax kull falliment, kull diffikultà huma mument ġdid fejn inti tista' tikber." Mela l-falliment naturalment ma jfittxu ħadd; huma mumenti fejn lill-Mulej ngħidulu kif qal Ġesù lill-Missier: "Jekk hu possibbli neħħili l-kalċi" imma r-realtà hija waħda; bħal meta int qed issuq fi triq kollha ħofor, tiskarta waħda u ssib l-oħra. Din hi l-ħajja tagħna. Imma jiddependi jien quddiem dawn il-fallimenti kif inġib ruħi.
Hawnhekk għandna mudell li hu San Pawl. San Pawl huwa Qaddis simpatiku, biex ngħidu hekk, bħal San Pietru, għaliex il-ħajja tagħhom ma kitbuhiex l-awturi imma kitibha Alla stess fil-Bibbja. Ħafna drabi meta naqraw il-ħajja tal-Qaddisin l-awturi jpinġuhomlna daqs li kieku qed taqra rumanz. Għalhekk inti tara l-għeġubijiet li għamlu, imma mhux it-taqbida li huma jkunu qegħdin jagħmlu u tgħid: "Dawn twieldu qaddisin hawn!", filwaqt li l-Bibbja ma tippreżentahomx hekk, la lil San Pietru u lanqas lil San Pawl. Tippreżentahomlna bħala bnedmin bħalna bid-diffikultajiet, bit-taqbida u bil-ġlieda li aħna wkoll qegħdin u rridu nagħmlu.

Jiena naħseb li l-ikbar falliment uman għal San Pawl kien meta waqa' minn fuq iż-żiemel fit-triq ta' Damasku. San Pawl kien miexi b'awtorità kbira – f'idejh kellu l-karti li jagħtuh awtorità li jitfa' fil-ħabs lil min irid. Kien imdawwar mis-suldati li kienu qed jipproteġuh u l-persuni li kienu qed jieħdu ħsiebu. Kburi, għaddej fit-triq ta' Damasku u hemm tiġri xi ħaġa li żgur qatt ma kien jistennieha: jaqa' minn fuq iż-żiemel u jagħma. San Pawl issa lanqas biss seta' jimxi waħdu, riedu jaqbdulu jdejh u jmexxuh; id-dalma fil-ħajja. U biex tkompli tikber, il-Mulej jibagħtu għand Ħananija, l-akbar għadu tiegħu; dak li San Pawl kien kważi ħalef li jaqbdu u jitfgħu ġol-ħabs u dak kien se jkun l-ikbar sodisfazzjon tiegħu. U Alla jumiljah, ikissru!

Jekk Alla ma jkissirniex ma jistax jibnina mill-ġdid. Jaslu dawn il-mumenti terribbli fil-ħajja tagħna meta ngħajtu u ngħidu, "Alla tiegħi! Alla tiegħi! Għaliex tlaqtni?" Lil San Pawl Alla jġibu fix-xejn biex ikun jista' jibnih. Hawnhekk San Pawl kellu jieħu deċiżjoni – jew jirribella jew jaċċetta. San Pawl seta' rribella; dak il-ħin seta' mhux biss ma aċċettax imma

seta' jeħodha kontra Alla talli qed jippermetti dak kollu. Imma San Pawl jieħu t-triq l-oħra; jistaqsi, "Xi tridni nagħmel?" U San Pawl baxxa rasu biex jagħmel proprju dak li Alla riedu jagħmel. Dawn huma mumenti diffiċli ħafna fil-ħajja tagħna – il-mument tad-dalma. Dan huwa perijodu ta' diffikultà kbira li fiha wieħed jista' jerġa' lura u hekk il-falliment ikun ħakimna jew inkella bi tbatija nkomplu miexja 'l quddiem, sakemm il-Mulej jagħtina dak li fir-realtà jixtieq jagħtina.

San Pawl baqa' miexi. Kieku rribella jew beża' kien jitlef dak kollu li Alla ppjana għalih. Li jmur għand Ħananija kienet battalja għalih, imma mexa, mar għand Ħananija. Bl-umiljazzjoni aċċetta l-għajnuna li Ħananija ried jagħtih; proprju lil dak li hu ried iwaddab fil-ħabs, ġie bżonnu. B'dan il-mod San Pawl jaffronta d-diffikultà tiegħu. Kultant aħna ninsew it-taqbida nterna li kien hemm f'San Pawl. San Pawl għaliex laħaq il-libertà tal-ispirtu ma kienx jibża' jgħid li hu midneb. (Rum. kap7) Ma beżax jgħid fuq il-ġlieda spiritwali li kien għaddej minnha. Jew disperazzjoni jew tiggranfa mal-Mulej. Pawlu seta' jagħżel it-triq tad-disperazzjoni. Staqsa lilu nnifsu, "Min se jeħlisni minn dan il-ġisem tad-dnub?" San Pawl jagħtina t-tweġiba: ĠESÙ KRISTU. Il-falliment tad-dnub ma nħalluhx ikissirna għax bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu se nagħrfu kemm Ġesù lilna jħobbna.

Il-mixja ta' San Pawl lejn Kristu ma kenitx faċli – il-mixja tal-qdusija. Kellu jitqabad, kellu jistinka. Il-mixja tal-qdusija mhix xi ħaġa maġika; irridu nitqabdu. Imma l-Mulej lest li jagħtina l-għajnuna biex kif għamel din il-mixja San Pawl jirnexxilna nagħmluha aħna wkoll. Nawgura lil kulħadd il-festa t-tajba!




# *Kieku San Pawl kellu jiktbilna ittra, X'jgħidilna?*

***Anthony Dimech – Superjur MUSEUM Subien***

San Pawl kiteb 13-il ittra lil diversi popli li kien mar għandhom. Kien kitbilhom diversi pariri u xi kultant, anke kien jirrabbja magħhom, dwar il-mod kif kellhom jgħixu l-ħajja Nisranija li kienu għadhom kemm akkwistaw mingħand Pawlu wara li huma kienu laqgħu t-tagħlim ta' Kristu. Hawn min isostni li lilna l-Maltin jista' jkun li kitbilna xi ittra, imma dawn huma biss ideat vagi.

Kieku San Pawl kellu jiktbilna ittra, x'kien jgħidilna lilna l-Maltin?

**1. L-Importanza tat-tagħlim**



San Pawl għamel dak kollu li seta' biex iwassal il-kelma ta' Alla. Hu stess darba qal li bata biex għamel hekk – qala' swat, ġie ttradut, mitfuħ il-ħabs – u dan kollu għal Kristu. Illum il-ġurnata hu importanti li n-Nisrani jkun jaf sew it-tagħlim Nisrani. Jeżistu diversi mezzi biex in-Nisrani jitgħallem – kotba, internet u laqgħat. Inħeġġeġ lill-ġenituri biex jenfasizzaw ma' wliedhom l-importanza tat-tagħlim Nisrani. L-iskola hi importanti, imma individwu jkun sħiħ meta jifforma ruħu anke spiritwalment.

2. Il-Familja

Fl-ittri tiegħu, San Pawl kemm-il darba tkellem fuq ir-rwol tar-raġel u tal-mara fil-familja, kif ukoll fuq ir-rwol tal-ulied. Naħdmu kemm nistgħu biex fil-familji, speċjalment f'dawk Ħalsafin, isaltnu l-imħabba u l-għaqda. Jalla Kristu jkun iċ-ċentru ta' dawn il-familji.

**3. L-Ewkaristija**

Ġesù għandu jkun iċ-ċentru tal-ħajja tal-Ħalsafin kollha. Lil Kristu m'għandniex inħalluh biss għaċ-ċelebrazzjonijiet, imma Kristu jrid ikun preżenti kuljum fil-ħajja tagħna. Darba San Pawl kiteb hekk: "Imitaw lili għax jiena imitajt lil Kristu" – kemm għadha tgħodd sal-lum din il-kwotazzjoni ta' San Pawl.



**4. L-Imħabba lejn il-proxxmu**

San Pawl jixtieq li l-Ħalsafin ikunu nies li jħennu għall-proxxmu tagħhom. F'waħda mill-ittri lill-Korintin, San Pawl kien tkellem fuq l-imħabba. L-imħabba hi t-timbru ta' kull Nisrani. Jalla nibqħu magħrufin bħala wieħed mill-irħula fejn issaltan l-imħabba lejn il-proxxmu. Jalla dawn il-punti nkomplu nsaħħuhom biex tassew insiru nies nixbhu lil Kristu kif jixtieqna San Pawl.

# *Magħqudin ħaġa waħda fi Kristu*

***Carol Farrugia – Superjura MUSEUM Bniet***

Illum il-ġurnata, il-ħajja qed ngħixuha b'ritmu mgħaġġel tant li lanqas ikollok ċans tieqaf ftit. Aħna persuni li nitgħallmu u ngħallmu. Imma fil-verità dak li nitgħallmu, naħsbu fuqu? U tabilħaqq aħna mhux dawk il-persuni li nirċievu u nwasslu lil Alla nnifsu? Allura huwa importanti li nieqfu u naħsbu ftit x'qed nirċievu u ngħaddu lill-oħrajn.

Filwaqt li jien qed nara kif mhux se nħalli d-dinja tikkrolla fuqi, Alla diġà għandu l-pjan lest għalija...Kos hux, kemm hu organizzat Alla! Għal kull ħlejqa li hawn f'din id-dinja għamel pjan. Issa f'idejna jekk nimxux ma' dan il-pjan jew jekk nagħmlux pjan ieħor għalina li ma jaqbel xejn ma' dak li għamel Alla għalina. M'għandniex għalfejn nibżgħu naċċettaw dan il-pjan ta' Alla. Irridu nħallu lil Alla "jiddobba" bina; Alla jaf li aħna m'aħniex perfetti u għalhekk huwa jużana kull fejn hemm bżonn u ma' kull min niltaqgħu. Min-naħa tagħna, aħna rridu naċċettaw li aħna m'aħniex perfetti, imma nkunu lesti li b'dak kollu li jagħmilna, aħna nwettqu dak li Alla jixtieq minna.

Ħares lejn San Pawl....bniedem li kien determinat li jeqred lill-Insara, imma meta aċċetta u ħalla l-grazzja ta' Alla taħdem fih, sar strument ta' Evanġelizzazzjoni f'idejħ. Kien biss għax Pawlu kkopera mal-grazzja ta' Alla li wasal biex wassal tant nies għand Kristu. Mhux ta' b'xejn li Pawlu wasal sabiex itenni: 'Ngħix, imma mhux iżjed jien, iżda jgħix fija Kristu'. Taħseb li dan kollu ma seħħx permezz ta' Alla?

Bħal Pawlu, Alla qiegħed isawwab fuqna l-grazzja tiegħu.

Aħseb ftit fejn qed issibha diffiċli li taċċetta dak li Alla jrid minnek u agħmel proponiment li fil-konkret, bil-għajnuna ta' Alla, taħdem fuqha.

Nawguralkom festa sabiħa, festa qaddisa.



***Infittxu lil Kristu...***
***għax Kristu jfittixna***
*"Jien kuljum nistenniek"*

# *Komunikazzjoni Virtwali vs Komunikazzjoni Reali*



***Tony Pace***

Mario, tifel ta' disa' snin, kien ilu ħabib tal-qalb ma' Bertu minn meta kienu fit-Tieni Sena tal-Primarja. Issa qegħdin fil-Ħames Sena. Xahar ilu, lil Mario ġew jgħidulu li Bertu qal kontrieh. Iġġieldu u ma baqgħux ikellmu lil xulxin. Mario ħass ħafna n-nuqqas ta' ħbiberija ma' Bertu; prattikament issa sab ruħu bla ħbieb. Intefa' fil-kamra tiegħu, jilgħab il-ħin kollu bil-kompjuter. Iktar ma beda jgħaddi ż-żmien, iktar beda jħossu komdu, jitkellem permezz tal-emails, iċ-chatting, u l-SMSs. Anke meta jkollu bżonn ikellem lil xi ħadd, sar jiddejjaq iċempel. Mario sar jippreferi jibgħat email jew SMS. Iktar ma jgħaddi ż-żmien, Mario qiegħed iħossu dejjem iktar waħdu.

Martha kellha disa' snin ukoll. Kienet tifla ferriħija, tipprova tkun ħabiba ma' kulħadd. Imma l-iktar li kienet ħabiba kien ma' Francesca. Xahrejn ilu, il-familja ta' Francesca marru joqogħdu f'raħal ieħor, allura Francesca bidlet l-iskola. Martha ħassitu ħafna n-nuqqas tal-ħabiba tal-qalb, imma llum, diġà għandha ħafna ħbieb oħra. Meta tħoss il-bżonn, iċċemplilha u ż-żewġt ibniet jgħaddu l-isbaħ nofs siegħa jirrakkuntaw u jagħtu l-aħbarijiet lil xulxin.

Fid-dinja moderna, il-kompjuter għamlilna differenza enormi. Huwa mezz ta' komunikazzjoni mill-aqwa. Bih tista' tibgħat email li fi ftit sekondi tasal għand xi ħadd in-naħa l-oħra tad-dinja. Il-kompjuter huwa mezz ta' informazzjoni mill-aqwa. Tagħfas buttuna u ssib l-informazzjoni kollha meħtieġa. Bil-kompjuter tippjana safra, mill-bidu sal-aħħar mill-kumdità ta' darek. Imma huwa fatt ukoll illi jeżisti periklu serju fost bosta żgħażagħ illum li l-kompjuter iżarmalhom il-ħila li jikkomunikaw personalment u realment mad-dinja ta' madwarhom.

Meta tispiċċa tikkomunika ma' ħaddieħor bil-kompjuter biss, inti qiegħed tidħol dejjem iktar f'dinja virtwali, dinja perikoluża għas-saħħa tal-moħħ u l-paċi tal-qalb.

X'inhu l-aħjar, li neżistu f'dinja virtwali jew li ngħixu f'dinja vera u reali? Fl-opinjoni tiegħi, it-tnejn bżonnjużi. Lanqas noħlom illum li l-iskola ma ngħallmux lit-tfal kif jużaw il-kompjuter biex jiksbu l-informazzjoni u biex iħaffu xogħolhom.

Imma, importanti ħafna wkoll li l-istudenti tagħna jiżviluppaw il-ħiliet soċjali tagħhom, il-ħila li jagħmlu l-ħbieb, li jkunu pożittivi, li jsolvu l-konflitti li jkollhom bejniethom b'modi paċifiċi, li japprezzaw is-sbuħija tar-relazzjonijiet. Għalhekk importanti li ż-żgħażagħ jattendu u jkunu attivi fl-għaqdiet, kemm ċivili kif ukoll reliġjużi. Iż-żgħażagħ, l-għaqdiet għandhom bżonnhom.



# *Meta tagħti, aktar tirċievi... Esperjenza ta' Volontarjat fil-Perù*

*Pawlina Zammit*

L-ewwel darba li mort il-Perù fuq btala, xi għaxar snin ilu, waqt li kont qiegħda fil-pjazza sabiħa tal-katidral ġewwa CUSCO, resqet daqsxejn ta' tifla, imgerrma, maħmuġa u ħwejjiġha mqattgħa. "O Mara ta' ħniena," qaltli, "COMPRA MI." Dawn iż-żewġ kelmiet nifdu stallett ġewwa qalbi, iċċassajt lejha u bilkemm flaħt inkellimha. Sirt naf li jisimha Maria, kellha sitt snin u ma tmurx skola. Saqsejtha jekk kinitx tixtieq ġelat, wiċċha xegħel, u sakemm wasalna għand tal-ġelat ġew warajna ruxxmata tfal. Meta wasalna għand tal-ġelat, sibt li l-kaxxa tal-ġelat kienet maqfula bil-katnazz u tal-hanut, meta rat dawk it-tfal kollha, bdiet tgħajjat magħhom u tkeċċihom. Lili ħaditni bil-ħlewwa għax indunat li kont turista. Għidtilha biex tagħti ġelat lit-tfal u li għalihom kont se nħallas jien. Ma ninsa qatt il-ferh kbir u l-eċċitament fuq wiċċ dawk it-tfal meta ħadu l-ġelat f'idejhom. Jieklu ftit u mbagħad juru lin-nies tat-triq u tal-pjazza li għandhom ġelat. Żgur li ma xtaqux li jispiċċa. L-għada għamilna l-istess. Sibt li ma kontx jien li xtrajt lil Maria, kif kienet talbitni, imma kienet hi li xtrat lili, għaliex fija nisslet xewqa kbira li mmur nagħmel esperjenza ta' voluntarjat f'art tal-missjoni.

Kont ta' sikwit ngħid li, kif nirtira mix-xogħol immur il-missjoni. Sentejn ilu ġiet din l-opportunità. Irtirajt kmieni mix-xogħol u dlonk fittixt fuq l-internet fuq missjunarji Maltin fil-Perù. Kont naf li l-MSSP kellhom missjunarji f'Lima u Arequipa, Perù. Bdejt nikkomunika b'e-mails u skype ma' Fr. Frank Cortis, li kien imexxi dar ta' tfal abbandunati. Ma domtx naħsiba; ippakkjajt bagalja u tlaqt għal vjaġġ twil bl-ajru li wassalni f'Arequipa, Perù. Fr. Frank laqagħni malli ħriġt mill-ajruport. Miegħu kellu tlett itfal żgħar. Dawn dlonk iggranfaw miegħi u bi tbissima ħelwa fuq wiċċhom ma telqunix għal sekonda waħda.



Meta wasalna d-dar, li tinsab xi erbgħin minuta barra mill-belt u mir-raħal ta' CAJMA, sibt li

kien hemm jgħixu ġo din id-dar 50 tifel u tifla ta' etajiet minn 18-il xahar sa 15-il sena. Tawni merħba liema bħalha u sorpriża sabiħa, għax ftit minnhom bdew idoqqu xi tip ta' strumenti u l-oħrajn b'vuċi waħda jkantaw kant tipiku tal-Amerika t'Isfel. Wara, kollha ġew iduru miegħi u jgħannquni.

Mill-għada, il-ħidma magħhom kienet kontinwa. Sakemm it-tfal ikunu l-iskola, matul il-ġimgħa, kont ngħin jew lil Fr. Frank fix-xogħol tiegħu, jew lil tal-kċina. Għall-grazzja ta' Alla, il-providenza ma tiqafx, speċjalment minn Malta u mill-Kanada. Dan ukoll iġib miegħu ħafna xogħol, speċjalment biex tbattal il-kaxxi, tissortja u terfa' fl-istores. Dan ix-xogħol kien jeħodli ħafna ħin u kont nagħmlu fil-għodu xħin it-tfal ikunu l-iskola. La darba t-tfal ikunu id-dar, ma jkollokx ħin biżżejjed biex tgħinhom fil-homework, tilgħab magħhom u ttihom ħafna mħabba, ħaġa li huma neqsin minnha. Huma jħobbuk iżjed milli tħobbhom int. Kull nhar ta' Sibt filgħodu kmieni, kont nieħu żewġt itfal kbar miegħi u konna mmorru s-suq, fejn kont nagħmel ix-xirja għall-ikla tal-Ħadd li kienet tkun f'idejja. Kont insajjar għal 60 ruħ. Meta konna naslu lura d-dar, kont nurihom u ngħallimhom kif għandhom inaddfu sewwa u kif għandhom iżommu l-ordni fejn jgħixu. Għal ħafna minnhom, id-dar tagħhom qabel kienet it-triq, u s-sodda xi sprall ta' xi kantina jew fuq il-qobra taċ-ċimiterju. L-ikel kien ikun xi loqma minn xi barmil taż-żibel. Il-ġenituri ma jafux min huma. Is-swat kien ir-rigal jew il-bews ta' kuljum. Il-ħbieb u l-gwardjani tagħhom kienu xi klieb tat-triq. Każ partikulari kienet l-istorja ta' Josè. Ta' erba' snin sab ruħu jiġġerra fit-toroq, abbandunat minn ommu u missieru. Bil-lejl kien imur, ma' tfal oħra bħalu, jorqod fiċ-ċimiterju. Dan ċ-ċimiterju m'għandux ħitan idawruh; il-qobra biss ħofra fil-ħamrija, faċli ħafna biex jitħaffru mill-kwantità ta' klieb tat-toroq li għandhom ġuħ iżjed min-nies. Darba waħda, waqt li Josè u sħabu kienu reqdin fiċ-ċimiterju, ġew il-klieb imġewħa, ma sabux x'jieklu, u daru għal Josè. Bdew jigdmu fih. Sħabu għajtu kemm felħu għall-għajjut u b'miraklu, ħarġu lil Josè minn ħalq il-mewt. Din it-trawma kerha wasslitu biex daħal ġo din id-dar, fejn sab x'jiekol, fejn jorqod u ħafna mħabba. Kull filgħodu, qabel ma jmur l-iskola, kien jiġi jiġri ħdejja u jgħidli bi tbissima kbira "BUENAS DIAS" u dejjem kont intih xi ħaġa minn taħt.



Is-Sibt wara nofs inhar kont nipprepara l-ħelu għad-deżerta ta' wara l-ikla tal-Ħadd. Ħeqq, 60 ruħ fihom mhux ħażin! Dejjem kont ninvolvi xi ftit minnhom biex jgħinuni u hekk inżomm aktar kuntatt magħhom u ngħallimhom, u xi ftit infissidhom ukoll. Kull tifel u


Magic Clean
DETERGENTS & TOILETRIES
Discount Detergent Shop
Triq Filippu Farrugia, Żurrieq (Ħdejn il-Museum tal-Bniet)
Tel: 2164 7070 - Mob: 7720 8974
Għall-Offerti u Sorpriżi mill-Aħjar
• Punti Doppji • Free Deliveries
• Prodotti b'Xejn • Bonus Card
• L-Orħos u l-Aħjar Prezzijiet
email: magic.clean.zurrieq@gmail.com
Magic Clean .....The Heart of Magic Prices


PHOTOCITY
DIGITAL SERVICE
PRINTING FROM ANY MEDIA TO ANY SIZE
PASSPORT PHOTOS
info@photocityonline.com
27, South Street, Valletta. VLT 1102
2123 6723

tifla għandhom l-storja partikulari tagħhom. Minbarra l-għajnuna fiżika u morali, minħabba l-esperjenzi koroh li għaddew minnhom, dawn it-tfal ikollhom bżonn għajnuna kemm medika u kemm psikoloġika.

Il-ħidma bla waqfien tal-missjunarji tal-Kongregazzjoni ta' San Pawl, hi ta' meravilja kbira. Is-sagrifiċċji tagħhom huma kbar u kontinwi, hekk ukoll hi t-tbatija tagħhom. Ir-rigal tagħhom, barra dak tas-sema, hu l-wiċċ ferħan u mimli mħabba tat-tfal.

Kemm domt hemm kelli wkoll ngħallimhom l-Innu Malti, għaliex ftit xhur wara kellu jżur din id-dar, il-President ta' Malta l-Eċċ. Tieghu Dr Ġorġ Abela. Il-Maestro Tony Pace pprovdieli l-mużika, u bil-ghajnuna ta' surmast tal-mużika li kien jiġi fid-dar, grupp ta' tfal tgħallmu jdoqqu l-mużika tal-innu. Il-kliem ktibtulhom fuq whiteboard, b'mod li setgħu jarawh, u ma ridtx nemmen kif dawn it-tfal tgħallmuh f'qasir żmien, u tgħidx kemm kantawh tajjeb, ħaġa li kienet sorpriża sabiħa għall-President ta' Malta.

Ħames ġimgħat għaddew bħal berqa. Il-firda, meta ġejt biex nitlaq, kienet iebsa, kemm għalija u iżjed għalihom. Ħafna minnhom kienu jsejħuli mamà. Il-ħsieb tiegħi ta' kuljum hu li nerġa' mmur ħdejhom, u jekk il-Mulej irid ma ndumx ma naqta' xewqti.

Meta tagħmel esperjenza bħal din, il-ħajja tiegħek tinbidel. Tibda tħares lejn kollox minn angolu ieħor. Meta tgħix u tmiss mal-faqar, tibda tapprezza ħafna iżjed l-affarijiet li għalina ma huma xejn, għaliex nieħdu kollox for granted. Dak li mhu xejn għalina, għalihom hu ħafna. Huma, li m'għandom xejn, japprezzaw ħafna u jifirħu b'kollox, u wiċċhom dejjem bi tbissima u dejjem kuntenti.



Meta ġejt lura Malta, fhimt li ħafna affarijiet li nagħmlu hawn huma artifiċjali. Meta nara din il-ħela kollha li hawn, speċjalment fl-ikel u l-kapriċċi żejda bla rażan, u naħseb f'dawk it-tfal bil-ġuħ, nibda nirtogħod. Nibda nagħmel il-kalkoli ta' kemm kieku nitma tfal bil-flus tal-kapriċċi żejda tagħna. L-istatistiċi juru li l-ġid kollu tad dinja qiegħed għand 10 fil-mija tal-popolazzjoni dinjija. Il-kumplament ta' 90 fil-mija jgħixu fil-faqar.

Mhux biżżejjed li ngħidu JAĦASRA. Bil-jaħasra ma titmgħax ħluq. Ara x'tista' tagħmel biex tgħin lil min hu inqas ixxurtjat minnek. Ma hija l-għażla ta' ħadd li jkun bil-ġuħ. Mort il-Perù biex mingħalija ngħin u nagħti, iżda meta ġejt lura rrealizzajt li aktar qlajt milli tajt!

Nitlob lill-Mulej, biex jagħti aktar għajnuna lill-missjunarji kollha mifruxa mad-dinja u biex lit-tfal il-fqar jipprovdilhom kenn u mħabba.

# *Restawr li sar fil-Knisja 2013-2014*

***Josef Mifsud***

Sett ieħor ta' Gandlieri antiki u artistiċi għall-artal ta' San Mikiel se jiżżanżnu għall-Festa ta' San Pawl 2014. Dan is-sett ġie restawrat mis-Sur Joseph Bugeja mis-Siġġiewi li ħadem l-iskultura nieqsa li kellu. Għal dan is-sett inħadem ukoll il-gandlier tal-Kurċifiss mill-istess Joseph Bugeja.

L-arġentatura bil-fidda ta' dan is-sett gandlieri ħa ħsiebha s-Sur Joseph Gatt mill-Birgu li diġà kien ħadem xogħol għall-parroċċa tagħna. Ir-restawr u l-arġentatura ta' dan is-sett swew €3,900. Grazzi lil kull min ta xi donazzjoni għal dan il-għan. Għas-sena 2015 għandu jitlesta sett ieħor ta' gandlieri sbieħ ħafna, ukoll għall-artal ta' San Pietru.

Għal dawn il-gandlieri kollha nħietu covers volontarjament mis-Sinjura Tessie Magri.

Grazzi lil kull min għen b'xi donazzjoni għal dan il-proġett flimkien mal-ġbir fil-Knisja.

- Il-Lampier ta' kuljum – Ġie arġentat bil-fidda l-lampier ta' kuljum ta' quddiem l-artal maġġur. Dan kien imżanżan għall-Festa Solenni tal-Għid il-Kbir. Dan ix-xogħol siewi sar mis-Sur Deo Cassar miż-Żejtun u sewa €500.
- Gwardarrobba ġdida – Fis-Sagristija l-Antika tal-Knisja nħadmet gwardarrobba mdaqqsa, biex fiha jintrefgħu bil-galbu settijiet ta' gandlieri li ġew irrestawrati f'dawn l-aħħar snin. Il-parroċċa xtrat il-materjal u x-xogħol sar b'mod volontarju mis-Sur Ninu Abdilla. Grazzi.
- 12-il Xemgħa tal-Festa għall-Altar Titulari: Impittra – It-tnax-il xemgħa tal-gandlieri tal-Artal Titulari ta' San Pawl ġew impittra b'armi relatati ma' San Pawl, kif ukoll b'girlandi ta' fjuri. Dawn ġew tassew sbieħ u ħadu dehra aktar festiva. Dan ix-xogħol dettaljat sar mis-Sur Neville Attard minn Ħal Qormi u sewa €500. Dawn se jiżżanżnu fil-festa ta' din is-sena (2014).

**Grazzi Ħafna**

1. Lill-benefatturi kollha li minn qalbhom, b'ferħ u ġenerożità taw l-offerti tagħhom.
2. Lin-nies li ħadmu b'mod volontarju, fis-skiet.

**L-Amministrazzjoni**

*Ara r-ritratti fil-paġna li jmiss*





Dettalji
mill-Gandlieri



Ix-xemgħa
mpittra





Dettalji mill-pittura fuq ix-xemgħa




GMU
SELF SERVICE
• EST 1968 •

*Free Deliveries*

Triq ta' Ġawhar, Safi

*telephone* - 21647100
*mobile* - 99243635

# G. CAMILLERI

PETROL STATION

Valletta Road, Żurrieq

Tel: 2164 7235 ~ 2164 1647 Fax: 2164 1647




# CAR WASH

- Car Servicing
- Wheel Balancing
- Car Accessories
- Crash Helmets
- Puncture Repairs
- Car Batteries
- Oils & Filters
- Mountain Bikes
- Power Tools
- Free Balancing with Alloy Wheels
- Car Batteries with 3 Years Guarantee

*Jawgura l-Festa t-tajba lill-Ħalsafin kollha.*



For Domestic
& Industrial
Projects

All Types of Aluminium & Double Glazing
• Available in Different Colours • Automated Doors
• Insect Screens • Louvres • Skylights
• Arched Windows & Doors Blinds
*Free Advice & Quotations*

EXPRESS ALUMINIUM LIMITED

**Express Bldg, Triq l-Imdina, Żebbuġ ŻBĠ 9018**
**Tel: 21 461 078, 21 465 110 Mob: 99 595 318**
**Fax: 21 465 798 Web: www.expressaluminium.com**

pasteur
PHARMACY

a: Triq it-Tellerit, Safi. SFI 1621 | e: pasteur@onvol.net | t: 21/27689944
opening hours: 8.00am to 12.30pm | 4.00pm to 8.00pm



# Dr. Anthony Gauci

*jawgura l-Festa t-tajba*
*lill-Ħalsafin kollha.*
*Infakkarkom li qed inservi*
*fil-klinika tad-dar tiegħi*

*Grazzi*

**'Ċettina House'**
**4, Żurrieq Road, Safi**

**Tel. No: 21641277**
**Mob: 99496111**

# *Iż-Żjara f'Malta 2014*
# *"Ara, Jiena magħkom dejjem, sal-aħħar taż-Żmien".*

*(MT 28, 20)*

***Sr Carmen Busuttil***

Għall-grazzja ta' Alla, din is-sena erġajt ġejt inżur il-familja u Rita Abdilla qaltli li skont ix-xewqa tal–Kappillan u l-Kunsill Parrokkjali, tixtieq li nikteb xi ħaġa fuq l-esperjenza tiegħi fil-missjoni.

Nixtieq nibda billi nfakkar illi meta mort ngħid 'Saħħa' lill-Kappillan, jiena ma kontx naf illi l-Kappillan kellu jinbidel mir-raħal daqs hekk malajr! Wara xi ġranet, fl-aħbarijiet ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta fuq l-internet, kien hemm miktub illi Ħal Safi għandu Kappillan ġdid: Fr David Farrugia. Prosit lit-tnejn, u nixtiqilkom missjoni sabiħa kull fejn tkunu u nitlob għalikom.

Mela, nixtieq nikteb fuq il-missjoni ġdida li bdejt din is-sena. F'Ottubru li għadda 2013, ħallejt Lixandra wara 20 sena hemm u bdejt esperjenza ġdida fil-komunità tagħna fl-Upper Egypt. Dan il-post huwa raħal ta' xi 10,000 ruħ, jismu BERBA fid-djoċesi ta' MINYA, daqs ta' seba' sigħat bogħod bil-ferrovija, ( 4 sigħat sal-Kajr u xi tliet sigħat mill-Kajr sa Lixandra).

F'Berba qegħdin żewġ sorijiet, waħda mill-Kanada u l-oħra minn Malta; hemm ukoll tfajla Eġizzjana ta' 26 sena tistudja l-vokazzjoni tagħha.

Is-sorijiet sħabi kienu bdew il-missjoni ta' Berba akter minn 20 sena ilu. Għall-grazzja ta' Alla, illum naraw il-ġid tat-tibdil li sar f'dawn is-snin: kindergartens, group ta' tfal bi problemi mentali, żjarat fil-familji, health care centre. Ir-responsabbiltà qiegħda fuq spallejn ħaddiehor, nies lajċi kapaċi u aħna qegħdin preżenti biex ninkuraġġuhom u ngħinuhom fejn nistgħu. F'dan ir-raħal hemm knisja waħda biss, tar-Rit Koptik Kattoliku, u xi ħames Moskej, jiġifieri Insara u Musulmani jgħixu flimkien u fil-paċi kemm jista' jkun.

Il-grupp tat-tfal bi problemi mentali fih 15, subien u bniet, Musulmani u Nsara. Huma minn dan ir-raħal u xi rħula ta' madwaru. Ħames darbiet fil-ġimgħa jiġu d-dar tagħna flimkien mas-7 helpers biex jgħallmuhom skont il-programm speċjali tagħhom. Is-soru seħibti tmur tarahom kuljum biex tara li kollox sejjer tajjeb; jiena wkoll niltaqa' magħhom u dritt nara l-ferħ fuq wiċċhom, kuntenti li jiġu għandna u anke l-grazzi tal-ġenituri tagħhom. Din hi preżenza ta' ħbiberija u rispett fejn kull bniedem huwa maħbub minn Alla li jrid il-ġid lil kulħadd, ikun min ikun.

Aspett ġdid għalija hawn huwa r-rwol tagħna fil-Knisja t'hawn. Il-quddiesa ta' kuljum tkun daqs ta' ħamsa u erbgħin minuta, bejn wieħed u ieħor. Imma kull nhar ta' Ħadd u l-Festi l-Kbar tkun daqs ta' sagħtejn u nofs jew tliet sigħat jew aktar. Il-parruċċani m'għandhomx problema; jiġu bi ħġarhom, u ferħanin jieħdu sehem ħafna fil-kant u fit-talb. Għalina din hi sfida biex inkomplu nistudjaw u nipprattikaw il-lingwa Għarbija biex nieħdu sehem fil-Liturgija tal-Knisja u biex nikkomunikaw man-nies ta' madwarna.

***"Popli kollha, ċapċpu idejkom, għajtu b'leħen ta' ferħ lil Alla, allelujah." (Salm 47,1)***

***SR M Carmen Busuttil (Notre Dame de Sion) 25 ta' Ġunju 2014***

# Rendikont Festa San Pawl 2013

| **Dħul** | | |
|---|---|---|
| Arbural | € | 5,605.00 |
| Ġbir fil-Knisja | € | 1,640.46 |
| Reklami għall-Fuljett | € | 1,828.00 |
| **Donazzjoni minn tliet familji għall-Mużika tal-Festa:** | | |
| Tridu | € | 600.00 |
| Lejlet | € | 300.00 |
| Festa | € | 700.00 |
| *Fundraising* | € | 895.00 |
| **Total** | **□** | **11,568.46** |

| **Ħruġ** | | |
|---|---|---|
| Servizzi Liturġiċi | € | 515.00 |
| Orkestra tat-Tridu | € | 660.00 |
| Orkestra Festa | € | 1000.00 |
| Festa San Pawl (25 ta' Jannar) | € | 324.00 |
| Daqq tal-Qniepen | € | 140.00 |
| Elettriku - Konsum Arloġġi u bożoż | € | 1068.39 |
| Elettriku - Maħżen tal-Festa | € | 1137.60 |
| Ktieb tal-Festa u Stampar | € | 763.35 |
| Donazzjoni lill-Każin tal-Banda San Pawl | € | 4,000.00 |
| Sagristan, pedaġġi, trattamenti u rigali | € | 355.00 |
| Restawr u tiswijiet: gandlieri, gastri | € | 1,510.00 |
| **Total** | **□** | **11,473.34** |
| **Bilanċ** | **€** | **95.12** |

**Ħajr:**
- lil min ta kontribuzzjoni biex kellna festa li tixraq lil San Pawl
- lil Banda San Pawl li tgħin bil-kbir biex tferraħ lill-komunità
- lil dawk li jieħdu ħsieb l-armar u t-tindif tal-knisja u barra, xogħol li jsir volontarjament
- lil dawk li ħadu ħsieb il-ktieb tal-festa
- lil dawk li jikkontribwixxu għall-ktieb tal-festa
- lit-tliet familji, għad-donazzjoni tagħhom għall-mużika tat-tridu u ta' nhar il-festa

**X'nixtiequ iktar:**
- li ma tħallux l-envelopes id-dar
- li ġġibu l-kontribuzzjoni
- benefattur/i ieħor/oħra li jogħġbu/jogħġobhom jħallsilna/iħallsulna l-mużika tal-Festa

# *“Kif kien fit-triq, qorob lejn Damasku, u f’daqqa waħda idda madwaru dawl mis-sema”. (Atti 9, 3)*

***Ivan Grixti***

Sawlu ltaqa’ mal-Mulej fit-triq lejn Damasku, hu u sejjer jagħmel dak li mingħalih kien id-dmir tiegħu, il-missjoni tiegħu. Għal Sawlu, it-triq lura lejn Damasku kienet parti minn pjan urġenti u bżonnjuż. Dan il-pjan kien li jeqred “setta żgħira” – il-Knisja ta’ Ġesù – li kienet għadha kif twieldet wara l-qawmien ta’ Ġesù mill-mewt, nhar Pentekoste. Ma kienx qed jara ħlief dan. Kien għaddej għal għonq it-triq, ħaġa pjuttost ordinarja. Proprju f’dan il-mument mimli żelu, iżda fl-istess ħin ordinarju ta’ ħajtu, il-Mulej kellmu f’dehra straordinarja.

Huwa faċli ħafna li tinqabad f’aljenazzjoni u ma tarax ħlief l-iskop tiegħek. Huwa faċli li fil-ħajja ordinarja ta’ kuljum ma taħsibx ħlief fuq xogħol, impenji u responsabbiltajiet. Faċli li tibda tara dan kollu bħala skop fih innifsu. Hekk kien qed jagħmel Sawlu sa qabel ma kkonverta.

Sa issa l-Mulej għadu ma kellimnix bid-dehriet u la nistenna u lanqas nimmaġina li se jkellimni bħalma kellem lil Sawlu! Però nemmen li l-Mulej ikellimna b’ħafna modi oħra! F’kull ċirkostanza ta’ ħajjitna u f’kull persuna li niltaqgħu magħha, il-Mulej ikun irid ixettel f’ruħna u f’qalbna l-imħabba tiegħu.

Bħalma r-riħ iġorr ħafna żrieragħ, hekk kull mument ta’ ħajjitna jġib miegħu okkażjonijiet li fihom il-Mulej ikun irid juri lilu nnifsu; okkażjonijet komuni mill-ħajja ta’ kuljum li jkunu ġejjin mis-sema, jiddu madwarna. Ħafna minn dawn l-okkażjonijiet però jintilfu għax ma nkunux ippreparati għalihom: ma jsibux qalb lesta li tgħin, tħobb u taqdi bil-libertà… għax ikun moħħna biss fid-dmir urġenti tagħna! Ma narawx id-dawl ta’ madwarna!

Tkun Malta, tkun il-Polonja jew inkella f’xi pajjiż ieħor fid-dinja, il-missjoni bażika ta’ kull Nisrani tibqa’ dejjem l-istess. Kullimkien tista’ tinqabad fl-aljenazzjoni. Però daqshekk ieħor il-Mulej kullimkien isibna biex ikellimna u jiddi madwarna d-dawl Tiegħu! Irridu nitolbu biex inkunu sensittivi biżżejjed biex nisimgħu leħen il-Mulej.



Imbagħad hemm pass ieħor. Ġesù dejjem jistedinna biex inxandru ismu ma’ kulħadd bħalma għamel San Pawl. Li titlaq kollox u tintbagħat f’missjoni hija ħaġa sabiħa u bżonnjuża. Però fil-verità ma tkun qed tagħmel xejn speċjali ħlief li tgħix il-vokazzjoni tiegħek, u tagħmel dak li l-Mulej iridek tagħmel f’dak il-post partikulari.

San Ġorġ Preca, fl-umiltà tiegħu, kien ta’ spiss jirrepeti li l-Fundatur tas-Soċjetà tal-

Museum huwa San Pawl u mhux hu. Dun Ġorġ kien ispirat mill-kliem ta' San Pawl lil Timotju: "…u kull ma smajt mingħandi quddiem ħafna xhieda, għaddih lil nies ta' fiduċja, li huma stess ikollhom il-ħila jgħallmuh ukoll lil oħrajn" (2 Tim 2, 2). It-tagħlim tal-fidi Nisranija huwa l-missjoni tas-Soċjetà tal-Museum. U proprju għalhekk il-Museum hawn tant bżonnu, għax it-tagħlim tajjeb huwa bżonnjuż u għax iktar minn qatt qabel ix-xitan qiegħed jidħak bil-bniedem billi jaljenah minn Alla.



Bħal f'Malta, fil-Polonja hawn għatx kbir għat-tagħlim. Ovvjament ix-xitan ma joqgħodx bi kwietu meta jara li qed isir il-ġid, u għalhekk dejjem jinqalgħu diffikultajiet ġodda. Madanakollu l-ħażen qatt u b'xejn ma jista' jegħleb it-tajjeb. Il-Mulej qiegħed jagħmel tassew ħwejjeġ kbar permezz tal-Museum. Ħafna drabi dawn ma jidhrux minħabba l-istess aljenazzjoni u minħabba li nkunu drajniehom u għalhekk ma narawhomx speċjali. Għandna tassew għalfejn nirringrazzjaw lis-Sinjur Alla tal-grazzji kbar li qed jagħmel magħna u nitolbuh biex ikompli jsejjaħ iktar ħaddiema għall-għalqa tiegħu.


# Cassar Florist & Bargain Shop

(Taz-Zizzu)

*For your: Wedding Flowers, Holy Communion, Head-dresses, Engagement Parties, Funerals, Wedding Invitations, Souvenirs, Tulle & Accessories for all occasions.*

**Triq G. Mattew Callus, Żurrieq**
**Tel. Shop: 2164 0501**
**Mob: 9946 7457, 9989 7385**





# BRIFFA

## International Funeral Services

- Over 70 years of experience
- 24 hour service
- Coffin makers & coffin importers
- Importer of photo ceramics & marble work
- Holy Pictures

(Day) Tel: +356 21237819 Mob: 99492918
(Night) Tel: +356 21237509
Fax: +356 21232785

*Office: 88, Marsa Road, Marsa. - 10 Cannon Road St. Venera*
*Qalb ta' Ġesù, Ghost Str., Hamrun. - 25, Market Street, Tarxien*

**Simplifying Life's Most Difficult Decisions**

# Mario Service Station

*Nagħmlu xogħol*
*ta' punctures,*
*computerised*
*wheel balance,*
*general service,*
*Greasing,*
*under car wash,*
*engine wash,*
*Car Stereos & Spoilers*
*car & motor*
*batteries*
*Kull tip ta' Alloy*
*Wheels*




**Żurrieq Road, Safi - Tel: 2764 1419**

# Dr. Alexandra Gauci

**tawgura l-Festa t-Tajba**
**lill-Ħalsafin kollha**

Infakkarkom li qed noffri s-servizz
tiegħi fil-klinika l-ġdida

HealthQi
Family Wellness Clinic

**77, Triq l-Iskola, Ħal Safi**
**Tel: 2164 2205 • Mob: 9984 0433**


DIE ECKE SIGGIEWI
D.E.S
Importers & Distributors of costumes & accesories
Mons. Mikiel Azzopardi Str., Siggiewi
T: 2146 3403 M: 7947 3870
E: info@desmalta.com W: www.desmalta.com
DES MALTA WANNAPARTY MALTA
WANNA PARTY
COSTUMES & ACCESSORIES
at Daniels shopping complex, Hamrun. T: 2123 3369
Romeo & Juliette
New collection now available at wanna party - Hamrun
Face Painting
Games
Balloon Modeling
Singing
Dancing
Jokes & more
from €75
Call us or SMS us for our Animation Party Packages
Wanna Party at Daniel's Shopping Complex - 79463 403 - 99463 403
Specialising in all sorts of party decorations, balloons, costumes & much more


La Gatta
Blue Grotto Avenue, Żurrieq
Tel: 2164 1417
www.lagattaboutique.com
lagatta@onvol.net
La Gatta Couture



# New Line

## Bridal Wear, Bridesmaids and Flower Girl dresses

All Bridal Gowns collection can be made to measure, even for fuller figures.

**Exclusive Wear for the Mother of Bride and Groom**

**Occasional Wear for all Occasions • Morning outfit • Jewellery Sets and Hairpieces**

**Underwear and Lingerie • Hats for Hire • Holy Communion Gowns • Girls Confirmation Dresses**

# Ċelebrazzjonijiet tal-Festa f'Ġieħ il-Konverżjoni ta' San Pawl 2014

**It-Tnejn 18 ta' Awwissu 2014**

6.30 pm Quddiesa quddiem iz-zuntier tal-Knisja ta' Santa Marija.

**L-Erbgħa 20 ta' Awwissu 2014**

6.30 pm Quddiesa fiċ-Ċimiterju b'suffraġju għall-erwieħ ta' qrabatna mejtin, fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Pawl.

**Il-Ġimgħa 22 ta' Awwissu 2014**

8.30 pm Lejla Maltija fil-Pjazza tal-Knisja. Ikun hemm ikel Malti, spettaklu ta' kant, reċtar u żfin.

**Is-Sibt 23 ta' Awwissu 2014**

6.30 pm Quddiesa għall-erwieħ ta' dawk li mietu fil-parroċċa mill-festa tas-sena l-oħra '1 hawn u għall-ħutna mejtin li ħadmu għall-festa.

8.30 pm Lejla Maltija fil-Pjazza tal-Knisja. Ikun hemm ikel Malti, spettaklu ta' kant, reċtar u żfin.

**Il-Ħadd 24 ta' Awwissu 2014**

***20 Ħadd ta' Matul Is-Sena – Jum Il-Mulej***

8.15 am Quddiesa għall-dawk li jaħdmu n-nar

10.00 am Quddiesa bil-Magħmudija u Preżentazzjoni tat-Trabi.

8.00 pm Ikla fiċ-Ċentru Parrokjali b'risq il-festa.

**It-Tnejn 25 ta' Awwissu 2014**

***Jum Il-Ħruġ Tal-Vara***

6.30 pm Quddiesa bis-sehem tat-tfal kollha tal-Parroċċa organizzata mill-Kummissjoni Kateketika.

7.30 pm Ħruġ fuq iz-zuntier tal-Istatwa ta' San Pawl. Tieħu sehem il-Banda San Pawl Safi li ddoqq l-Innijiet u wara tagħmel marċ ferrieħi li jibda mill-pjazza u jinżel għal Triq San Pawl, il-*Housing Estate* ta' ħdejn iċ-Ċimiterju, Ta' Rqajja', u jitla' minn Triq San Ġwann, imur fil-Housing Estate f'Ta' Amparell, jgħaddi minn Triq Tal-Ajżar, imur għal Triq Ħlantun, Triq Santa Marija, u jintemm fil-pjazza quddiem il-Każin.

**It-Tlieta 26 ta' Awwissu 2014**

***Jum Iż-Żgħażagħ***

6.30 pm Quddiesa bis-sehem taż-żgħażagħ li jħobbu l-Festa u dawk kollha li jgħinu b'ġenerożità kbira fl-armar tal-Knisja u barra u dawk li jieħdu ħsieb il-Każin tal-Banda San Pawl.

8.00 pm Fiera u BBQ fil-pjazza b'risq il-festa.

**L-Erbgħa 27 ta' Awwissu 2014**

***L-Ewwel Jum Tat-Tridu – Jum Il-Vokazzjonijiet***

Nitolbu lill-Mulej biex żgħażagħ fostna jwieġbu għall-ħajja Saċerdotali u Reliġjuża.

9.15 am Quddiesa għall-Anzjani fis-Sala tal-Komunità fil-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi.

6.30 pm Quddiesa Solenni mmexxija minn Fr. Brian Gialanzè Saċerdot Novell, bis-sehem tas-Sorijiet Dumnikani u Abbatini.
Wara l-quddiesa jkun hemm Kurunella, Antifona u Barka Sagramentali.
Iċ-ċelebrazzjoni tagħlaq bl-Innu ta' San Pawl.

8.30 pm Marċ, mill-Banda San Pietru ta' Birżebbuġa, li jibda minn Triq San Ġwann (in-naħa ta' Ħal Kirkop), idur għal Triq il-Kuċċard, Triq is-Summien, Triq in-Nassaba, Triq it-Tellerit, Triq l-Iskola, Triq Ta' Ġawhar, Triq Dun Karm Vella, Triq il-Kaċċaturi, Triq San Tumas, Trejqet it-Twemmin, Triq Ħlantun, Misraħ San Ġużepp, Triq Santa Marija u jispiċċa fil-pjazza quddiem il-Każin.

**Il-Ħamis 28 ta' Awwissu 2014**

***It-Tieni Jum Tat-Tridu –Jum L-Għaqdiet***

5.00 pm Konfessur barrani għall-Qrar

6.30 pm Quddiesa Solenni mmexxija minn Fr. Brian Gialanzè bis-sehem tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali, flimkien mal-Kumissjonijiet u Għaqdiet reliġjużi.
Wara l-quddiesa jkun hemm Kurunella, Antifona u Barka Sagramentali.
Iċ-ċelebrazzjoni tagħlaq bl-Innu ta' San Pawl.

9.30 pm Il-Banda San Pawl Safi tesegwixxi Programm Vokali u Strumentali fuq il-planċier, fejn fost oħrajn jindaqq u jitkanta l-Innu l-Kbir "Is-Sejħa". Jieħdu sehem it-Tenur Vince Farrugia, is-Sopran Marita Abdilla, u l-Kor Mirabitur.

**Il-Ġimgħa 29 ta' Awwissu 2014**

***T-Tielet Jum Tat-Tridu – Jum Il-Familja***

8.30 am Tqarbin tal-Morda

5.00 pm Konfessur barrani għall-Qrar

6.30 pm Quddiesa Solenni mmexxija minn Fr. Brian Gialanzè bis-sehem

| | |
|---|---|
| | speċjali ta' dawk il-koppji li qed jiċċelebraw l-10/20/25/30/40/50 sena Anniversarju taż-Żwieġ tagħhom u dawk li żżewġu wara l-festa tas-sena l-oħra, biex iġeddu l-wegħdiet taż-żwieġ tagħhom (dawk li se jiċċelebraw l-Anniversarju tajjeb li jinkitbu fl-Uffiċċju Parrokkjali). Wara l-quddiesa jkun hemm Kurunella, Antifona u Barka Sagramentali. Iċ-ċelebrazzjoni tagħlaq bl-Innu ta' San Pawl. |
| 8.45 pm | Marċ mill-Banda San Pawl Safi li takkumpanja l-istatwa ta' *San Pawl fuq iż-Żiemel*. Il-marċ jibda minn Triq il-Feniċi u jgħaddi għal Triq il-Biedja, Triq Ta' Ġawhar, Triq il-Kenn, Triq il-Menqa, Triq l-Iskola, Triq Dun Ġużepp Caruana, Triq il-Ħajt Ruman, Triq iż-Żurrieq, u jintemm fil-pjazza tal-Knisja fejn l-Istatwa tittella' fuq il-pedistall. |

## Is-Sibt 30 ta' Awwissu 2014

***Lejlet Il-Festa***

| | |
|---|---|
| 8.00 am | Quddiesa bil-kant tat-Te Deum |
| 5.00 pm | Konfessur barrani għall-Qrar |
| 6.15 pm | Translazzjoni Solenni tar-Relikwa ta' San Pawl mill-Knisja ta' Santa Marija sal-Knisja Parrokkjali u li titmexxa minn Fr. Luke Cutajar Saċerdot Novell. Wara jitkantaw l-Antifona, l-Għasar Solenni u tingħata l-Barka Sagramentali. |
| 7.30 pm | Quddiesa Solenni ta' Lejlet il-Festa mill-istess Dun Luke Cutajar. |
| 8.30 pm | Marċ mill-Banda San Pawl Safi li jgħaddi minn Triq San Pawl, Triq San Ġużepp, Triq Santa Marija, Triq Dun Ġużepp Caruana, Triq iż-Żurrieq, u wara jkun esegwit programm mill-istess banda fuq il-planċier. |
| 11.30 pm | Wirja tal-logħob tan-Nar tal-Art artistiku u mekkanizzat fil-*bypass* ta' wara l-knisja. |

## Il-Ħadd 31 ta' Awwissu 2014

***Jum Il-Festa***

| | |
|---|---|
| 6.30 am | Quddiesa letta |
| 7.30 am | Quddiesa letta |
| 8.30 am | Quddiesa Solenni kkonċelebrata mill-Kappillan Dun David Farrugia. Jinseġ il-paneġierku Dun Karm Mercieca. |
| 10.30 am | Jibda l-Marċ ta' Filgħodu mill-Banda San Pawl, Safi. Jgħaddi minn Triq San Pawl, Triq San Ġwann, Triq San Ġorġ, Triq Ħlantun, Trejqet it-Twemmin, Triq San Tumas, Triq Qerd in-Naħal, Triq Mikielanġ Busuttil, Triq in-Newba, Triq il-Ħajt Ruman, Triq Ġwann Zammit, Triq il-Biedja, Triq id-Dolmen, Triq il-Menqa, Triq l-Iskola, Triq Dun Ġużepp Caruana, Triq iż-Żurrieq, u fl-aħħar jintemm fil-Pjazza tal-Knisja. |
| 11.00 am | Quddiesa letta |
| 6.00 pm | Quddiesa letta ta' qabel il-purċissjoni |

| | |
|---|---|
| 6.30 pm | Il-Banda Konti Ruġġieru tar-Rabat tagħmel marċ li jibda minn Triq iż-Żurrieq u jkompli minn Triq San Pawl għal Triq San Ġużepp, Triq Santa Marija, u jispiċċa fil-Pjazza tal-Knisja. |
| 6.30 pm | Il-Banda Vittorja tan-Naxxar tagħmel marċ li jibda minn ħdejn il-Knisja u jgħaddi minn Triq San Pawl, Triq San Ġużepp, Triq Santa Marija, Triq Dun Ġużepp Caruana, Triq l-Iskola u jispiċċa fil-Pjazza tal-Knisja. |
| 7.15 pm | Toħroġ il-Purċissjoni bl-Istatwa Artistika tal-Appostlu Missierna San Pawl, immexxija minn Dun Luke Cutajar. Mal-ħruġ tal-purċissjoni jindaqqu l-Innijiet, u jinħarqu musketterija, salut u kaxxa infernali. Il-Kor Mirabitur jakkumpanja lill-Banda Konti Ruġġieru waqt l-Innijiet. Il-Banda Vittorja tan-Naxxar takkumpanja 'l-Purċissjoni, u l-Banda Konti Ruġġieru tagħmel programm mużikali fuq il-planċier fil-Pjazza tal-Knisja. |
| 10.00 pm | Jindaqqu l-Innijiet ta' San Pawl mill-Banda Konti Ruġġieru akkumpanjata mill-Kor Mirabitur taħt it-tmexxija ta' Simone Attard. |
| 10.30 pm | Tinħaraq il-kaxxa infernali.<br>Dħul tal-Istatwa ta' San Pawl fil-Knisja.<br>Titkanta l-Antifona; ikun hemm Ċelebrazzjoni Ewkaristika u mbagħad tingħata l-Barka Sagramentali.<br>Iċ-ċelebrazzjoni tintemm bl-Innu ta' San Pawl u l-bews tar-Relikwa. |
| 11.00pm | Isir il-Marċ tan-Nar mill-Banda San Pawl ta' Ħal Safi li jibda minn Triq iż- Żurrieq, jakkumpanja l-statwa ta' *San Pawl Fuq iż-Żiemel* li titniżż el minn fuq il-pedistall u tittieħed lejn il-maħżen, imbagħad jintemm fil-Pjazza tal-Knisja. |

*Fil-Knisja, fil-jiem tat-Tridu, kemm il-mużika kif wkoll il-Kor Sine Macula jkunu taħt id-direzzjoni ta' Mro Tony Pace. Lejlet u nhar il-Festa, il-mużika tkun tas-Surmast Paolo Nani taħt id-direzzjoni ta' Mro. Joseph Gatt.*




Raphael Xerri Import & Export
of Seed & Ware Potatoes
Qed naċċetta ordnijiet għal dawn il-varjetajiet li huma
kollha għall-esportazzjoni
Alpha
Folva
Alexia
Anaïs
ArrenBanner
SEMAGRI HOLLAND
DANESPO
Għandna għall-bejgħ
Fertilizzant Taljan u Ġermaniż: 12-12-17-2
27%
21%
48, Ta' Puzzu, Triq l-Iskola, Qrendi • Tel: 2164 2368, 2143 7583
Mob: 9949 5047 • E-mail: ralphqfv@maltanet.net

# *Is-sejħa - Bluha jew Grazzja ?*

## *"Mur, għax għodda maħtura hu dan għalija ...." (Atti 9, 15)*

***Dorian Baldacchino***

Din is-silta mhux l-ewwel darba li smajnieha. Imma s-sejħa li Ġesù għamel lil Sawlu ta' Tarsu hija sejħa li Hu jagħmel lil kull wieħed u waħda minna kuljum. Hemm min sejjaħlu biex jaqdih fis-saċerdozju, fiż-żwieġ, f'ħajja kkonsagrata jew fil-M.U.S.E.U.M. Kull ħaġa li ġejja minn Alla hija grazzja, anke jekk dan ifisser li lil Alla tagħtih kollox, għax Alla jkun lest li jagħtik kollox – imma jkun jistenna li int tagħmel l-istess. Din il-grazzja nesperjenzawha wkoll fil-M.U.S.E.U.M. Dan iwassal biex għadd ta' żgħażagħ, wara li jkunu għadhom qed jattendu għall-formazzjoni tagħhom fil-M.U.S.E.U.M., jagħżlu li jsiru kandidati sabiex ikomplu jfittxu u jiskopru dak li Alla jrid minnhom. Din l-esperjenza ġarrabtha jien stess meta fil-Milied li għadda għażilt sabiex nilqa' din is-sejħa, għax hu kien li tefa' l-għajnejn tal-ħniena fuqi u għażilni.

Il-kandidatura huwa żmien fejn wieħed ikompli jiskopri l-imħabba ta' Alla u kif din il-grazzja taħdem fil-ħajja tal-lum, għax il-bniedem jibqa' fi Kristu u Kristu jibqa' fil-bniedem. Tnejn isiru ħaġa waħda, bħalma Kristu stess qal li l-friegħi huma ħaġa waħda mad-dielja. Għalkemm is-sejħa hija libera, kull persuna li wara formazzjoni profonda tagħżel li tilqa' s-sejħa ta' Alla, għandha taħdem biex dan il-ferħ tal-honeymoon ta' kull vokazzjoni ma jispiċċax mal-ewwel. Imma dan jitlob ħidma kontinwa fil-ġewwieni tiegħu fit-talb u l-ewkaristija. Ikun mimli entużjażmu u ferħ, li ma jdumx għal ftit sekondi. Fuq kollox il-qofol ta' kull sejħa hi l-imħabba lejn Alla, għax Alla hu mħabba – fidi, tama u mħabba, tlieta huma: il-kbira fosthom hi l-imħabba. L-imħabba dejjem iżjed qawwija lejn Kristu, għax kif jgħid San Ġorġ Preca: "Min iħobb lil Alla mhux biżżejjed li jħobbu waħdu". Huwa Alla li jaħkem il-qalb tal-bniedem sabiex ikun jista' jgħammar fina. L-għerf tad-dinja huwa bluha quddiem Alla.

San Gejtanu kien iħobb jgħid: "Meta ħaddant is-saċerdozju, irbatt ħajti mas-salib." Infatti, San Pawl għalkemm kien iffaċċjat bit-tbatija u n-nuqqas ta' ħila, kien mirbuħ wkoll mill-ferħ u l-faraġ. Għalhekk, hi x'inhi s-sejħa jew il-vokazzjoni tagħna, għandna naħdmu sabiex fis-siegħa tal-prova nżommu quddiem għajnejna illi hemm preżenti u diġà qed jaħdem iż-żerniq tad-dawl u tas-salvazzjoni.



# San Ġwanni Pawlu II - kif jafuh



***Emily Barboro Sant***

Wara l-mewt ħesrem tal-Papa Ġwanni Pawlu I, bħalma jiġri dejjem, iltaqgħu l-kardinali biex flimkien jagħżlu s-suċċessur tiegħu. Mad-dehra tal-fumata bianca ħierġa miċ-ċumnija, fis-16 ta' Ottubru 1978 u l-għajta ta' Habemus Papam mill-Kardinal Camerlengo Jean Villot, l-eluf kbar ta' nies miġbura fi Pjazza San Pietru mhux kollha kienu jafu min kien, jew semgħu bil-Kardinal Karol Wojtyla. Iżda meta dakinhar tal-funeral tiegħu fit-8 ta' April 2005 – sitt ijiem wara l-mewt tiegħu – l-eluf kbar ta' nies miġbura fi Pjazza San Pietru u magħquda magħhom ħafna eluf oħra li kienu qed isegwu bil-mezzi ta' komunikazzjoni, l-istorja kienet differenti. Tul is-27 sena tal-papat tiegħu, id-dinja kollha saret tafu u saret taf x'isarraf, tant li waqt il-funeral tiegħu, instemgħet l-għajta ta' Santo Subito. Wara perijodu ta' 6 snin li fih sar il-proċess għall-Beatifikazzjoni tiegħu, il-Papa Benedittu XVI iddikjarah Beatu quddiem folol kbar ta' nies. Fis-27 ta' April li għadda (sena 2014), Papa Franġisku ddikjarah Qaddis flimkien mal-Papa t-twajjeb  Ġwanni XXIII fost il-ferħ ta' kulħadd.

Inkiteb ħafna dwar dan il-Papa kbir u għad baqa' x'jinkiteb. Fil-bidu ta' din is-sena (2014), ġie ppubblikat ktieb li jiġbor fih numru ta' intervisti ma' nies li kienu qrib tiegħu, li kienu jafuh minn żmien is-Seminarju jew qabel, sa oħrajn li saru midħla tal-Palazz Pontifiċju tul il-papat tiegħu.

***Dun Stanislaw Dziwisz:***
Saċerdot li sar jafu kulħadd kien il-Pollakk Dun Stanislaw Dziwisz. Ġie ordnat saċerdot f'Ottubru 1966 minn u meta Karol Wojtyla kien Arċisqof ta' Cracovia u kważi mill-ewwel ħatru segretarju tiegħu. Kellu biss 27 sena. Meta l-Kardinal Wojtyla ħtieġlu jmur Ruma għall-Konklavi wara l-mewt ta' Papa Albino Luciani, akkumpanjah ukoll u kien jgħaddi siegħat sħaħ, bħal ħafna eluf oħra, f'nofs Pjazza San Pietru lkoll jistennew li ċ-ċumnija tarmi duħħan abjad. Meta fis-16 ta' Otturbu 1978 wasal il-ħin tant mistenni li tinfetaħ il-gallarija u jitfaċċa l-Kardinal Camerlengo biex iħabbar isem il-Papa l-ġdid, Dun Stanislaw kien attent bħall-folla kbira fi Pjazza San Pietru. Kif sema' jitħabbar l-isem Karol Wojtyla – isem l-Arċisqof tiegħu, issomma u jgħid li ħassu pparalizzat f'nofs ta' pjazza tant li ma felaħx jiċċaqlaq. Jgħid li meta ġie ftit f'tiegħu mill-ħasda li ħa, mexa lejn il-bieb tal-Bażilika u xi ħadd għarfu bħala s-segretarju tal-Kardinal Wojtyla. Hekk kif infetaħ il-bieb, il-Marchese Giulio Sacchetti akkumpanjah sal-bieb tas-sala fejn il-Papa l-ġdid kien qed jiċċena mal-Kardinali. Il-Kardinal Jean Villot akkumpanjah sa ħdejn il-Papa. Dun Stanislaw ħassu emozzjonat ħafna xħin rah liebes l-abjad. Il-Papa tah ħarsa profonda u ċċajta miegħu kif soltu jagħmel, biex jirrilassah. Żgur li kellu bżonnha aktar minn qatt qabel! Dakinhar stess il-Papa talbu biex ikun is-Segretarju tiegħu. Dun Stanislaw aċċetta dan l-inkarigu ta' responsabbiltà kbira, iżda dak il-lejl ma setax jorqod. Mons. Stanislaw baqa' u mexa ma' Papa Ġwanni Pawlu II tul il-pontifikat tiegħu kollu.

# RAYMOND ABDILLA

## EXPORTER & IMPORTER

## SEED AND WARE POTATOES

*Qed naċċettaw ordnijiet għal dawn il-varjetajiet:*

**Arinda** – Patata Bikrija li tinżera' f'Ottubru

**Aladin** – Ta' qoxra ħamra

**Diamant** – Ta' qatgħa safra

**Arizona** – Ta' qatgħa bajda

**Santè** – *(għall-esportazzjoni - bikrija)*

**Destiny** – *(għall-esportazzjoni - bikrija)*

**Artemis** – *(għall-esportazzjoni - bikrija)*

**Alpha** – *(għall-esportazzjoni)*

**Agria** – *(għall-esportazzjoni)*

**Marfona** – *(għall-esportazzjoni)*

**Picasso** – *(għall-esportazzjoni)*

**Fertilizer Ġermaniż ta' l-aqwa kwalità...**

BECKMANN BB

**(blu) 12+12+17+2+7**
**(isfar) 27%**
**(abjad) 21%**
**organic (pellets)**

"Le Nid", Triq il-Kuċċard, Safi SFI 1615
Tel: 21436594 (Grading Station)
Mob: 9949 7980, 9944 9553, 9983 0176
E-mail: potatograding@waldonet.net.mt

AGRICO

***Il-Kardinal Andrzej Maria Deskur:***
Il-Pollakk Andrzej Maria Deskur, li l-aħħar snin ta' ħajtu għaddihom fuq siġġu tar-roti, studja fis-Seminarju ta' Cracovia kważi fl-istess żmien ta' Karol Wojtyla. Huwa jgħid li meta sar magħruf fis-Seminarju li s-Seminarista Karol Wojtyla kien se jiġi ordnat Saċerdot u jintbagħat jistudja barra Cracovia, sħabu ħadu pjaċir u apprezzaw dan il-ġest. Ħadd ma ġietu l-għira għalih għax kulħadd kien iħobbu; kienu jafu kemm kien intelliġenti u li kien ippreparat tajjeb u ta' spiritwalità kbira. Is-Seminaristi kienu joħduha in turn biex joħorġu miegħu passiġġata għax meta jmorru lura kienu jħossuhom li tgħallmu ħafna minnu. Deskur ikompli jirrakkonta li darba minnhom, xi ħadd minn sħabu kiteb hekk fuq il-bieb tal-kamra ta' Wojtyla: "Karol Wojtyla: futuro santo". Dehret ċajta dak iż-żmien, imma hekk kien miżmum minn sħabu. Mons. Andrzej Maria Deskur, ħabib tal-qalb tal-Papa Wojtyla u President tal-Kunsill Pontifiċju tal-Komunikazzjoni Soċjali kien wieħed minn 28 elevati għat-titlu ta' Kardinal mill-Papa Wojtyla fis-26 ta' Mejju 1985. Deskur miet fit-3 ta' Settembru 2011.

Wojtyla u Deskur, tant kienu ħbieb li Joachim Navarro Valls – korrispondent u tabib – jirrakkonta li meta sar jaf li Ġwanni Pawlu II hekk kif sar Papa kien se jmur jara lil ħabibu Deskur rikuverat fl-Isptar Gemelli ta' Ruma, mar qablu. Bħala tabib ma kellux problema biex jidħol fil-kamra ta' Mons. Deskur li dak il-ħin kien rieqed. Meta wasal il-Papa, akkumpanjat minn oħrajn, daħal ħdejn il-marid b'mod mill-aktar naturali u qagħad ftit ħdejh mingħajr ma tkellem ħafna. Baqgħu ħbieb sal-aħħar, tant li nhar ta' Ħadd meta l-Papa Ġwanni Pawlu II kien ikun il-Vatikan, kienu jieklu flimkien.

***Joachim Navarro Valls:***
Din il-laqgħa fil-kamra ta' Mons. Deskur fl-Isptar Gemelli, bejn Papa Ġwanni Pawlu II u Joachim Navarro Valls – tabib u kirurgu Spanjol, fetħet it-triq għall-mixja importanti ħafna għal dan il-ġurnalist li kien tant stmat. Għaddew ftit jiem minn din il-laqgħa, u Navarro Valls kien mistieden għall-ikel għand il-Papa. Tkellmu dwar il-mod kif il-media tista' tkun mezz biex twassal il-messaġġ uman u Kristjan. Ma damx wisq biex il-Papa ħatru Direttur ta' Sala Stampa tal-Vatikan.

Navarro Valls kien membro onorario tal-Opus Dei. Fis-snin 70, mar Ruma fejn kien jgħix il-Fundatur tal-Opus Dei Monsinjur Josemaria Escrivà. Bħala ġurnalist u korrispondent tal-gazzetta ABC ta' Madrid, kellu jsegwi u jirrapporta l-vjaġġi tal-Papa. Kien jitqies bħala l-"vuċi" tiegħu. Meta mistoqsi dwar il-Papa kien jgħid li jitlob għall-oħrajn, isemmi d-djalogu kontinwu li kellu mal-Mulej, kemm kien iħobb is-saċerdozju u kemm kien jafda f'Alla. Ilkoll niftakru li kien hu – Navarro Valls - li ħabbar il-mewt ta' Ġwanni Pawlu II nhar it-2 ta' April 2005. Kien jidher kommoss ħafna u xi demgħa dehret iċċarċar ukoll. Darba ġie mistoqsi jekk jimmissjahx lill-Papa. Wieġeb 'iva' iżda minnufih qal li qabel kien jgħaddi ftit siegħat miegħu kuljum, issa qiegħed miegħu il-ħin kollu.
Wara l-mewt ta' Ġwanni Pawlu II, Joachim Navarro Valls ħaseb li x-xogħol tiegħu fil-Vatikan kien spiċċa iżda l-Papa Benedittu XVI talbu biex ikompli mqar għal sentejn oħra, kif fil-fatt għamel.


The Fruit Tree
35, Triq il-Bronja, Zurrieq Tel: 21647657 Mob:79926196
Prop. Joseph Scerri
Daily Fresh Fruit & Vegetables
Opening Hours
Mon & Thur
7.15am - 7.00pm
Tue & Fri
7.15am - 12.00pm
4.00pm - 7.00pm
Wed
7.15am - 12.00pm
Sat
7.15am - 1.00pm

***Arturo Mari:***
Persunaġġ ieħor dejjem qrib Papa Ġwanni Pawlu II kien il-fotografu Arturo Mari. Kemm missieru kif ukoll nannuh kienu fotografi ta' klassi. Antonio ħa r-ritratti lil 6 Papiet. Beda fi żmien Piju XII u kompla tul il-Pontifikati ta' Ġwanni XXIII, Pawlu VI, Ġwanni Pawlu I, Ġwanni Pawlu II u Benedittu XVI – tul ta' 51 sena li fihom qatt ma ħa ġurnata leave jew marad; imma malajr iżid jgħid li kien hemm eċċezzjoni waħda biss. Kien id-29 ta' April 2007 meta sab ruħu bilqiegħda fl-ewwel filliera fil-Bażilika ta' San Pietru flimkien ma' martu. Dakinhar, Papa Benedittu XVI ordna 29 Saċerdot ġdid fosthom lil ibnu Juan Carlos li ngħaqad mal-Leġjunarji ta' Kristu.

Arturo Mari kien qisu d-dell ta' kull Papa, imur miegħu kullimkien u kull fejn tarah, dejjem bi 3 magni tar-ritratti mdendlin m'għonqu. Huwa għex il-mumenti drammatiċi, uħud minnhom tal-biża', tas-6 Papiet. Jistqarr li l-aktar li sofra kien meta sar l-attakk fuq il-ħajja ta' Ġwanni Pawlu II fit-13 ta' Mejju 1981. Jistqarr li xtaq li ritratti bħal dawk qatt ma ħadhom.

Jirrakkonta, kif fl-ewwel vjaġġ tiegħu ma' Papa Ġwanni Pawlu II fl-Arġentina, ħa miegħu 600 film. Ma servewhx u kellu jitlob l-għajnuna tan-Nunzju Appostoliku biex jara kif jagħmel u jakkwistalu 200 oħra. Dak iż-żmien, il-magna diġitali ma kenitx għadha teżisti.

Darba staqsewh jiftakarx kemm ħa ritratti tul il-karriera tiegħu. Jgħid li qatt ma żamm kont tagħhom, biss darba, kellu bżonn xi tiswija żgħira fuq camera minnhom. Ċemplulu t-tekniċi u staqsewh jekk kenitx xi ċajta għax minn xi gadget li kellha l-camera, indunaw li kienet qed timmarka 25,000. Antonio Mari anqas kien jaf li l-camera setgħet tagħti n-numru tar-ritratti meħuda. 25,000 ritratt għal vjaġġ wieħed!



Lil dan il-fotografu, Ġwanni Pawlu II kien iqisu bħal ibnu. Jirrakkonta, kif sitt siegħat qabel Ġwanni Pawlu II "mar lura lejn dar Missieru", Dun Stanislaw bagħat għalih. Tela' fl-appartament, daħal fil-kamra tas-sodda fejn kien hemm il-Papa u niżel għarkopptejh. Dun Stanislaw qal lill-Papa li Arturo kien wasal. Il-Papa dar lejh, tbissimlu kif seta' u bi tbatija kbira qallu: "Arturo, grazzi mill-qalb ta' kollox". Antonio Mari jgħid li f'għajnejn il-Papa dehret ħarsa speċjali qisu ried jgħid li qed jipprepara biex jiltaqa' ma' ħaddieħor u ma kellux jibża' bħalma kien qed jibża' hu.

Lil Ġwanni Pawlu II, jimmissjah ħafna u kultant, meta jkun waħdu fil-kwiet, jistħajjel li qed jisma' leħnu u qed jarah. Jistqarr li kien iħoss li Ġwanni Pawlu II kien qaddis, sa minn mindu sar jafu.


KULL M'GĦANDU BŻONN
L-Induratur
DEHEB TA' L-INDURATURA, SILVER LEAF, ALUMINIUM LEAF FLIMKIEN MA' DIVERSI GĦODDA U PRODOTTI OĦRA RELATATI MA' DAN IX-XOGĦOL ARTISTIKU KIF UKOLL GĦAR-RESTAWR.
EST 1923
E. THEUMA & COMPANY LTD.
"Theuma House", 302, St. Paul Street,
Valletta VLT 1213, MALTA
Tel +356 21 236605 / 21 234075 Fax: +356 21 244201
info@etheuma.com www.etheuma.com

***Għeluq:***
Semmejt 4 persunaġġi biss li kienu qrib ħafna ta' Ġwanni Pawlu II. Kien hemm oħrajn bħat-tabib, is-soru li kienet tieħu ħsiebu, uħud mill-Kardinali u oħrajn. Kollha għandhom xi esperjenzi x'jirrakkuntaw dwaru u dwar il-ħajja qaddisa u ħabrieka li għex.

Fil-ġenna, hemm ħafna u ħafna Qaddisin li għexu ħajja tajba u forsi wkoll bil-moħbi. Il-Knisja trid li qabel ma tiddikjara xi Beatu, irid ikun sar miraklu minn Alla l-Imbierek bl-interċessjoni tiegħu. U hekk ġara fil-każ ta' Ġwanni Pawlu II fuq is-Soru Franċiża Marie Simon-Pierre li fieqet mill-kanċer. Il-Beatifikazzjoni ta' Ġwanni Pawlu II saret mis-suċċessur tiegħu Papa Benedittu XVI fil-1 ta' Mejju 2011 nhar il-festa ta' San Ġużepp Ħaddiem. Dakinhar, il-Papa temm id-diskors tiegħu tal-okkażjoni billi qal:



> "Beatu int, maħbub Papa Ġwanni Pawlu II, għax emmint!
> Kompli, nitolbuk, saħħaħ il-fidi tal-poplu mis-sema.
> Ħafna drabi inti beriktna f'din il-Pjazza tal-Palazz!
> Illum, nitolbuk, Missier Qaddis, berikna. AMEN."

In-nies komplew jitolbu l-interċessjoni tiegħu fil-bżonnijiet tagħhom u din id-darba, il-miraklu seħħ fuq Floribeth Mora Diaz mill-Costa Rica. Ġiet imfejqa minn tumur rari f'rasha bl-interċessjoni tal-Beatu Ġwanni Pawlu II. Papa Franġisku, iddikjarah Qaddis flimkien mal-Papa Ġwanni XXIII fis-27 ta' April 2014 nhar il-festa tal-Ħniena Divina. Kienet ġrajja unika fl-istorja tal-Knisja. Kienet l-ewwel darba li ġew ikkanonizzati żewġ Papiet flimkien u fil-preżenza ta' żewġ Papiet oħra. Jingħad li Papa Franġisku xtaq ħafna li Papa Emeritus Benedittu XVI jassisti għall-kanonizzazzjoni ta' Ġwanni Pawlu II u Ġwanni XXIII. Għal din iċ-ċerimonja, kien hemm preżenti mal-miljun ruħ fi Pjazza San Pietru u fit-toroq tal-madwar. Kienet xena li Ruma qatt ma rat bħalha.

Kull min b'xi mod iltaqa' jew kellu okkażjoni jkellem lill-Papa Ġwanni Pawlu II, baqa' mmeraviljat bil-qdusija u l-ħlewwa tiegħu. L-istess nista' ngħid għaż-żewġ esperjenzi li jiena u r-raġel tiegħi Arthur kellna meta fl-1990, qabel l-ewwel żjara tal-Papa f'Malta, ġejna mistiedna għall-Udjenza Ġenerali f'Sala Paolo VI u konna l-ewwel nies li kellimna lill-Papa għal-ftit minuti. Niftakar, li meta Arthur qallu li l-Maltin kienu qed jistennew bil-ħerqa ż-żjara tiegħu, il-Papa ħares f'għajnejh, qiegħed idejh fuq spallet Arthur u qallu: "God bless you. God bless Malta". Esperjenza oħra li ma tintesiex, kienet meta ġejna mistiedna biex nassistu għall-Quddiesa fil-kappella privata tiegħu. Tistħajlek qiegħed il-ġenna tarah jitlob għarkopptejh fuq il-ġinokkjatur qisu f'estasi. Din id-darba wkoll, konna l-ewwel nies u l-uniċi lajċi fost xi 20 soru li kellimnieh.

Il-poplu Malti għandu rabta kbira mal-Qaddis San Ġwanni Pawlu II, billi hu, waqt iż-żjara tiegħu f'Malta fis-sena 2001, proprju fid-9 ta' Mejju, iddikjara lil 3 minn ħutna Maltin – Dun Ġorġ Preca, M. Adeodata Pisani u Nazju Falzon, bħala Beati. Nitolbuh, bħala Maltin biex jitlob għal Malta ħalli tibqa' żżomm sħiħa l-fidi tagħha u ma titmejjilx mal-irwiefen li minn ħin għall-ieħor, jattakkawha. Nitolbuh ukoll biex jitlob għaż-żewġ Beati Maltin – M. Adeodata Pisani u Nazju Falzon, biex huma wkoll jiġu dikjarati Qaddisin bħal Dun Ġorġ Preca.



The Convenience Shop
100% MALTESE
FRESHLY baked Bread daily
CIABATTA OLIVE
CIABATTA WITH SUNDRIED TOMATOS
CIABATTA SEMOLA
CIABATTA WHITE
CIABATTA BROWN
DEMI BAGUETTE
ONION BAGUETTE LARGE
ONION BAGUETTE SMALL
RANGE OF CHEESE
RANGE OF HAM
MILK
CONFECTIONERY
THE CONVENIENCE SHOPS, MALTA

# *Messaġġ ta' Ringrazzjament*

***Moqri minn Tarcisio Barbara Moderatur tal-KPP fil-quddiesa ta' ringrazzjament lill-Kappillan Kan. Dun Gużepp M. Farrugia***

Għażiż Kappillan,
Iltqajna biex nirringrazzjawk għall-Ħidma Pastorali fostna f'dawn l-aħħar tliet snin. Fil-bidu tal-parrokkat tiegħek fostna għidtilna li l-motto tiegħek hu Ġesù, u li bħalu trid tħoss, tifraħ u tibki man-nies. Indunajna kemm tħoss u kemm temozzjona ruħek speċjalment meta jiġi għandek xi ħadd u jiftaħ qalbu miegħek fuq problemi. Imma dejjem għamiltilhom kuraġġ u tlabt; u il-parruċċani li f'dawn l-aħħar tliet snin kellhom problemi ta' mard jew imwiet, bħalma kienu jagħmlu wkoll il-predeċessuri tiegħek, dejjem sabuk lest li tisma' u tgħin. Wara li xi ħadd ikellmek dwar xi nkwiet, ftit wara terġa' ssaqsi biex tara kif marru l-affarijiet, jiġifieri turi li bqajt tiftakar fih, tkun xi tkun il-problema tiegħu.

Indunajna li tħobb tara lil kulħadd ferħan, u għidtilna li għandna nuru li aħna ferħana għax aħna Nsara. Nafuk dejjem bi tbissima fuq wiċċek u tipprova tbissem lilna ukoll. "Ħa tkun dejjem il-kelma tagħkom kollha ħlewwa, imħawra bil-melħ tal-għerf, biex tkunu tafu twieġbu sewwa lil kulħadd" (Kol. IV,6).

**Il-Familja**
Waħda mill-prioritajiet tiegħek hija l-familja u ddedikajt ħafna ħin iżżur il-familji. Meta tisma' li hemm xi kriżi bejn xi koppja, kont tinkwieta, titlob u tirsisti biex ma tarax firda. Daqs kemm tinkwieta meta jiġri dan, daqshekk ieħor tifraħ meta tara li s-sħab iswed ikun għadda.

Tħobb taħdem ukoll biex koppji li qed jgħixu flimkien jersqu lejn is-sagrament taż-żwieġ. Kont tħabbat għand kulħadd, għax kif qal il-Papa Franġisku, li tiegħu inti segwaċi kbir, "Alla ma jikkundanna lil ħadd u Alla għandu post għal kulħadd". Inti tħeġġeġ li nisimgħu l-messaġġi tal-Papa li jitkellem b'mod uman, speċjalment fuq il-periferija.

**L-Ewkaristija**
Għadna kif iċċelebrajna flimkien il-festi Ewkaristiċi. Nafu kemm hi għal qalbek l-Ewkaristija u tixtieq li tikber fostna d-devozzjoni lejn l-Ewkaristija u l-Qalb ta' Ġesù. Kull l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar kont tiġborna għall-Adorazzjoni u tgħidilna li l-Ewkaristija tgħaqqqadna flimkien; ħafna kriżi u tensjoni li hawn fostna ġejjin għax warrabna lil Alla. Dejjem tixtieq li jattendu iżjed nies għall-quddies u jiddispjaċik meta l-attendenza tat-tfal tonqos. Dan kollu ġej għax hawn bruda fost il-ġenituri. Mill-banda l-oħra, l-attendenza għal dawn il-festi sbieħ ma naqsitx u l-parteċipazzjoni tal-Fratelli żdiedet.

**Il-Kelma ta' Alla**
Irsistejt ħafna biex inkunu midħla tal-Kelma ta' Alla. Dejjem għidtilna kemm hu importanti li nitgħallmu u nisimgħu iżjed il-Kelma ta' Alla. Meta tkellimna u tispjegalna l-Kelma, kont issemmi spiss lil San Dun Ġorġ Preca; nafu li tiegħu int devot u kellek ukoll ix-xorti li tkellmu. Hu kien li tefgħalek l-ewwel żerriegħa li nibtet f'saċerdozju. Matul dawn is-snin ta' saċerdozju inti għamilt fuq erbgħin sena Kappillan.

Mat-tagħlim tal-Kelma bilfors li niftakru fin-nuqqas ta' vokazzjonijiet minn din il-Parroċċa u, bħal predeċessuri ta' qablek, xtaqt li tara xi sejħa; imma ma naqtgħux qalbna u nibqgħu nitolbu. Hawnhekk niftakru wkoll f'Dun Karm Zammit li minħabba problemi ta' saħħa ma setax jibqa' jaqdi u jgħin fil-Parroċċa. Naħseb li n-nuqqas tiegħu nħass minn kulħadd speċjalment minnek Kappillan, li kellek tibqa' għaddej bix-xogħol pastorali waħdek. Imma inti qatt ma qtajt qalbek.

Minn wara l-Viżta Pastorali tal-Arċisqof, inħasset il-ħtieġa li titwaqqaf il-Kummissjoni Liturġija; hekk il-preparazzjoni għall-quddies u ċ-ċelebrazzjonijiet ma jkunux kollha f'idejn il-Kappillan u hekk ukoll żdiedet il-parteċipazzjoni tal-komunità.

Ta' min ifakkar li l-Quddiesa f'Ħal Safi tal-Ħadd filgħaxija bdiet f'Ottubru 2011 bi prova; din hi quddiesa li ħafna nies kienu ilhom jixtiequ u għall-grazzja ta' Alla għadha ssir sal-lum.

Il-messaġġ li dejjem tajtna f'dawn it-tliet snin nistgħu niġbruh fi kliem missierna San Pawl: "Ifirħu dejjem, itolbu bla heda, iżżu ħajr lil Alla f'kollox. Dan hu li jrid Alla minn għandkom fi Kristu Ġesù" (I Tes. V, 16-18).

Ta' kull ma għamilt ma' kull wieħed u waħda minna ngħidulek GRAZZI. F'isem Dun Karm Zammit, f'isem il-Kunsill Pastorali Parrokkjali u f'isem il-poplu kollu ta' Ħal Safi nixtiqulek kull suċċess fil-ħidma ġdida li se jkollok. AD MULTOS ANNOS.

*Ara r-ritratti fil-paġna li jmiss*



Quddiesa ta' Ringrazzjament lill-Kappillan
Kan. Dun Gużepp M. Farrugia 20-7-14





ESTABLISHED 1919

# Peppi's

PIZZA - PASTA - GRILL
Sliema Seafront, Tower Road, Sliema

**BOOKINGS FOR ALL OCCASIONS**
**STAFF LUNCH/DINNER ARE ACCEPTED**
**AT SPECIAL PRICES**

**CALL NOW 2133 5621 - 7777 0517**

***Sliema Seafront, Tower Road, Sliema***




# V. SPITERI & SONS ENT. LTD.

FULLY AIR-CONDITIONED COACHES
& MINI BUSES FOR HIRE

---

SUPPLIERS & FITTERS OF

**AUTO AIR CONDITIONERS**

SOLE AGENTS OF

HISPACOLD

---

**IMPORTERS OF VOLVO COMMERCIALS**

---

*29, "Gratiae Plena",*
*Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra*
*Luqa - LQA 1011.*

*Fax: 2167 3251*
*Tel: 2182 0749*
*Mobile: 9947 0405*
*9946 4405*

*"Ħa jkollkom fikom is-sentimenti ta' Kristu" (Filippin 2:5)*

# *Ir-rabta u l-għaqda tan-Nisrani mal-Persuna ta' Ġesù Kristu...*

***Fr Charles Buttigieg***

**Il-Bniedem jagħraf l-Imħabba ta' Alla**

L-esperjenza tad-dawl ta' Kristu fi Triq ta' Damasku tbiddel totalment il-ħajja ta' San Pawl. Esperjenza li ssir għalih mogħdija, passaġġ mill-bniedem il-qadim għal dak ġdid, mill-bniedem fil-jasar għal dak meħlus, mil-liġi qadima Fariżajka għal dik ġdida tal-imħabba. Din il-laqgħa ta' San Pawl mal-Mulej hija l-ġrajja tal-konverżjoni u tal-magħmudija tiegħu fejn għalih Kristu isir kollox. Hija f'esperjenza simili għal din ta' San Pawl, li l-bniedem jagħraf din l-imħabba ta' Alla għalih, li dehret fil-qofol tagħha fi Kristu. Huwa l-iskop tal-Evanġelju li xandar San Pawl, li jaqsam din l-Aħbar it-Tajba tal-Imħabba ta' Alla għall-bniedem u li jgħinu jirbaħ il-jasar tiegħu tad-dnub.

Din l-imħabba ta' Alla jew kif imfissra tajjeb minn San Pawl 'il-Ġustizzja ta' Alla' (bil-Grieg: dikaiosune Theou) huwa ħsieb tassew importanti fil-kitbiet tiegħu b'mod partikulari kif wieħed jaqra fl-Ittra lir-Rumani fejn l-espressjoni insibuha xejn inqas minn tmien darbiet f'1:17; 3:5, 21, 22, 25, 26; 10:3 (darbtejn). Fl-Antik Testment naraw din il-Ġustizzja ta' Alla murija permezz tal-Patt u l-Wegħdiet li jagħmel Alla mal-poplu tiegħu: "Għarraf il-Mulej is-salvazzjoni tiegħu, f'għajnejn il-ġnus wera l-ġustizzja tiegħu" (Salm 98:2). Mela din il-Ġustizzja ta' Alla iktar minn xi idea ta' kundanna, trid turi l-fedeltà ta' Alla (bl-Ebrajk: sedeqa) mal-wegħdiet li Huwa għamel mal-bniedem, għaliex Huwa sadiq, ġust u l-ħniena Tiegħu tinfirex għas-salvazzjoni ta' kulhadd. Mela hija ġustizzja li biha Alla jiġġustifika, jiġifieri jsalva lill-bniedem. Hija l-Ġustizzja ta' Alla li turi l-Imħabba u l-Volontà Salvifika Tiegħu.

Permezz ta' din il-Ġustizzja ta' Alla, jingħata s-sliem u t-tama (ara Rum 5:1-11), il-ħelsien mill-mewt (ara Rum 5:12-21), il-ħelsien mid-dnub (ara Rum 6:1-23), il-ħelsien tal-ħolqien permezz tal-Ispirtu s-Santu (ara Rum 8:1-39) u s-salvazzjoni għal kulħadd: "Ma hemmx għażla bejn Lhudi u Grieg; Alla hu s-Sid ta' kulħadd u għani ma' dawk kollha li jsejħulu. Għax kull min isejjaħ isem il-Mulej isalva" (Rum 10:12-13).

**In-Nisrani jilbes lil Kristu**

Din ir-risposta tal-bniedem għall-Imħabba ta' Alla, tlaqqa' u tgħaqqad (adeżjoni) lill-bniedem mal-Persuna ta' Ġesù Kristu. Din il-laqgħa ssir esperjenza ta' ħajja ġdida fi Kristu, eżattament l-esperjenza li għadda minnha San Pawl.

Din l-adeżjoni tan-Nisrani mal-persuna ta' Kristu hija espressa fl-ittri ta' San Pawl bil-frażijiet 'fi Kristu', jew 'fi Kristu Ġesù, jew 'f'Sidna Ġesù' jew 'fil-Mulej'; li huma tassew frekwenti f'San Pawl (151 darba), aktar mill-kitbiet l-oħra tal-Ġdid Testment. Ta'

# St. Paul's Dental Clinic

Dolmen Street, Safi

Tel: 27560272 Mob: 79092400



A new, state of the art dental practice offering high quality dental care for you and all your family. Apart from offering the latest cosmetic dental techniques and solutions we are proud to offer you everyday dental treatments in a relaxed and caring environment.

min isemmi li nsibu darba biss il-frażi ‘f’Ġesù’ f’Efesin 4:21. F’San Pawl qatt ma nsibu ‘f’Ġesù Kristu’, għalkemm ħafna huma r-riferimenti għal ‘Ġesù Kristu’. Il-frażi ‘fil-Mulej’ tindika fuq kollox l-awtorità divina ta’ Kristu li titlob min-Nisrani ubbidjenza u adeżjoni: “Fl-aħħar, ħuti, intom tgħallimtu minn għandna kif għandkom timxu biex togħġbu lil Alla, kif tabilħaqq qegħdin iġġibu ruħkom; aħna f’Sidna Ġesù nitolbukom u nħeġġukom biex tagħmlu iżjed” (1 Tess  4:1, ara wkoll Filippin 1:14). Darbtejn San Pawl isejjaħ lill-komunità ta’ Tessalonika ‘f’Alla l-Missier u fil-Mulej Ġesù Kristu’: “Pawlu u Silvanu u Timotju lill-Knisja ta’ Tessalonika f’Alla l-Missier u Sidna Ġesù Kristu: grazzja lilkom u sliem” (1Tess 1:1 u 2 Tess 1:1).

Il-biblisti jimmarkaw dawn il-frażijiet bħala stqarrija tal-fidi u ‘formula Pawlina’ per eċċellenza. Huma jirriflettu r-rabta tan-Nisrani mal-persuna ta’ Ġesù Kristu u li l-pjan tas-salvazzjoni tal-Missier iseħħ permezz ta’ Kristu. Il-prepożizzjoni Griega ‘en’ għandha diversi sensi bħal ‘fi’, ‘bi’ ‘ma’’ ‘permezz’ u tista’ tindika għaqda jew strumentalità. Terz ta’ dawn il-formuli Pawlini bil-prepożizzjoni ‘en’, huma riferiment għall-pjan tas-salvzazzjoni ta’ Alla permezz ta’ Ġesù:  “Il-bnedmin kollha dinbu u ċċaħdu mill-glorja ta’ Alla; għalhekk issa huma jkunu iġġustifikati bil-grazzja tiegħu li jagħtihom minn rajh permezz tal-fidwa li hemm fi Kristu Ġesù” (Rum 3:23-24). Terz ieħor jirriferu għall-mod ta’ kif wieħed għandu jġib ruħu jew kwalità li wieħed għandu jkollu (Filippin 4:4). Madwar erbgħin darba l-espressjonijiet huma applikati għas-sitwazzjoni tan-Nisrani f’rabta ma’ Kristu u għas-salvazzjoni. Darbtejn bħala riferiment għan-natura ta’ Kristu: “Fih hemm tgħammar il-milja sħiħa tad-divinità fil-ġisem” (Kol 2:9).

Din l-adeżjoni tan-Nisrani ma’ Kristu turi min-naħa l-oħra li Kristu jinsab tassew fin-Nisrani u fil-komunità: “Imma jien permezz tal-liġi mitt għal-liġi biex ngħix għal Alla: issallabt ma’ Kristu. Ngħix, imma mhux jien, iżda jgħix fija Kristu” (Gal 2:19-20); “Jekk Kristu jgħammar fikom, il-ġisem hu mejjet minħabba fid-dnub, imma l-ispirtu hu ħajjitkom minħabba l-ġustizzja” (2 Kor 5:19); u “Intom ilqajtu lil Sidna Ġesù Kristu; għixu mela magħqudin miegħu; niżżlu għeruqkom fih, u ibnu l-ħajja tagħkom fuqu; issaħħu fil-fidi, kif tgħallimtu u mtlew bil-gratitudni” (Kol 2:6-7).

Fuq kollox, dan il-ħsieb hu mfisser fit-teoloġija Pawlina ‘tal-ġisem ta’ Kristu’ (to soma tou Christou): “Bħalma aħna għandna ħafna membri f’ġisem wieħed, iżda mhux il-membri kollha għandhom l-istess xogħol, hekk aħna ġisem wieħed fi Kristu u kull wieħed minna membru tal-ieħor” (Rum 12:4-5). Dan narawh ukoll f’kuntesti ewkaristiċi; “Il-kalċi mbierek li fuqu ngħidu l-barka mhuwiex għaqda mad-demm ta’ Kristu? U l-ħobż li naqsmu mhuwiex għaqda mal-ġisem ta’ Kristu? Għax la l-ħobża hi waħda, aħna, li aħna ħafna, aħna ġisem wieħed; ilkoll kemm aħna nieħdu sehem minn ħobża waħda” (1 Kor 10:16-17) u f’kuntesti ekkleżjoloġiċi: “Ħalli s-sliem ta’ Kristu jsaltan fi qlubkom, dak is-sliem li għalih kontu msejħa biex issiru ġisem wieħed. U ta’ dan roddu ħajr lil Alla” (Kol 3:15).

Imseħbin ma’ Kristu permezz tal-Magħmudija u fil-ħajja Nisranija, aħna lkoll imsejħin sabiex nipparteċipaw miegħu fil-mewt u fil-qawmien tiegħu: “Kien imsallab minħabba

d-dgħufija tiegħu, iżda issa jgħix bil-qawwa ta' Alla. U aħna wkoll dgħajfa fih, iżda għixu miegħu bil-qawwa ta' Alla għalikom" (2 Kor 13:4; ara wkoll Rum 6:1-11). Imseħbin ma' Kristu jitlob fuq kollox min-Nisrani li nilbsu s-sentimenti ta' Kristu li huma: "Intom il-magħżulin ta' Alla, il-qaddisin u l-maħbubin tiegħu. Ilbsu mela sentimenti ta' ħniena, tjieba, umiltà, ħlewwa u sabar. Stabru b'xulxin, u jekk xi ħadd minnkom ikollu xi jgħid ma' ħaddiehor, aħfru lil xulxin; bħalma l-Mulej ħafer lilkom, hekk agħmlu intom ukoll. U fuq kollox ilbsu l-imħabba, li hi l-qofol tal-perfezzjoni." (Kol 3:12-14).

F'din il-parti nsemmu wkoll it-terminu Grieg 'huiothesia' li huwa tradott bħala adozzjoni jew filjolanza: "Għax intom ulied Alla lkoll kemm intom, permezz tal-fidi fi Kristu Ġesù. Intom, li intom mgħammda fi Kristu, ilbistu lil Kristu" (Gal 3:26-27); "Iżda meta waslet il-milja taż-żminijiet, Alla bagħat lil Ibnu, imwieled minn mara, imwieled taħt il-liġi, biex jifdi lil dawk li kienu taħt il-liġi, biex ikollna l-adozzjoni ta' ulied. U għax intom ulied, Alla bagħat l-Ispirtu ta' Ibnu f'qalbna jgħajjat: Abba! Missier! U hekk m'intix iżjed ilsir, iżda iben: u jekk iben, werriet ukoll permezz ta' Alla" (Gal 4:4-7). In-Nisrani mela jeħtieġ jimxi wara Kristu u fuq il-passi tiegħu.

**In-nisrani mmarkat bl-ispirtu ta' Alla**

Din l-adeżjoni hija riflessa wkoll bil-frażi 'fl-Ispirtu': "Is-Saltna ta' Alla m'hijiex ikel u xorb, imma hi ġustizzja, u sliem, u grazzja fl-Ispirtu s-Santu (en pneumati agio)" (Rum 14:17). In-Nisrani fi Kristu jsir il-bniedem fl-Ispirtu: "Issa intom ma intomx taħt il-ħakma tal-ġisem, imma tal-Ispirtu, ladarba hemm l-Ispirtu ta' Alla jgħammar fikom" (Rum 8:9). Il-pnewmatoloġija Pawlina narawha f'rabta mat-teoloġija tal-ġisem ta' Kristu: "Fih, il-bini kollu jintrabat sewwa, jitla' f'tempju qaddis fil-Mulej; fih, intom ukoll fl-Ispirtu, tinbnew flimkien f'dar fejn jgħammar Alla" (Ef 2:21-22); "Ma tafux li intom tempju ta' Alla, u li l-Ispirtu ta' Alla jgħammar fikom? Jekk xi ħadd jeqred it-tempju ta' Alla, Alla jeqred lilu. Għax qaddis hu t-tempju ta' Alla, li huwa intom" (1 Kor 3:16-17).

Huwa fi Kristu, li l-Missier jimmarkana bis-siġill tiegħu tal-Ispirtu s-Santu: "Hu li ssiġillana wkoll bis-siġill tiegħu, u tana b'rahan l-Ispirtu fi qlubna" (2 Kor 1:22; ara ukoll Ef 1:13; 4:30). Infatti, is-suldati fl-imperi tal-qedem kienu jimmarkawhom bis-siġill tal-kmandant tagħhom u l-ilsiera bis-siġill tas-sid tagħhom. It-terminoliġija Pawlina l-iktar frekwenti għall-Ispirtu s-Santu hija: 'L-Ispirtu li kien imwiegħed' (Ef 1:13 u Gal 3:14); 'L-Ispirtu ta' adozzjoni' (Rum 8:15 u Gal 4:6); u 'L-Ispirtu ta' Alla' (Rum 8:9; 15:19; 1 Kor 6:11).

San Pawl fl-ittri tiegħu jħobb jitkellem mill-frott tal-Ispirtu ta' Alla: "Hemm imbagħad diversi doni (charisma), imma wieħed hu l-Ispirtu; hemm diversi ministeri (diakonia), imma l-istess wieħed hu l-Mulej; hemm diversi ħidmiet, imma l-istess Alla, li jaħdem kollox f'kulħadd. Lil wieħed tingħata r-rivelazzjoni tal-Ispirtu għall-ġid ta' kulħadd; lill-ieħor kliem il-għerf mill-istess Spirtu (sofia); lill-ieħor il-kelma tas-sapjenza mill-istess Spirtu (gnosis); lill-ieħor il-fidi mill-istess Spirtu (pistis); lill-ieħor id-don tal-fejqan mill-istess Spirtu (iama); lill-ieħor is-setgħa tal-mirakli (dunamis), lill-ieħor id-don tal-profezija (profetia); lill-ieħor id-don tal-għażla tal-ispirti (diakrisis); lill-ieħor diversi ilsna (glossa);

lill-ieħor it-tifsir tal-ilsna (ermeneia). Dan kollu jaħdmu l-istess Spirtu wieħed, li jqassam li kull wieħed kif jogħġbu" (1 Kor 12:4-11; ara wkoll 12:29-30; Rum 12:6-8 u Ef 4:11).

L-Ispirtu preżenti fil-ħajja ta' kull Nisrani, Hu tassew ukoll preżenti fil-ħajja tal-Knisja u tal-komunità. Huwa tassew importanti għax : "Ħadd ma jista' jgħid: 'Ġesù hu l-Mulej' jekk mhux imqanqal mill-Ispirtu s-Santu" (1 Kor 12:3). "Permezz tal-Konfirmazzjoni l-Insara, jiġifieri dawk li ħadu l-funzjoni, huma mseħbin aktar fil-missjoni ta' Kristu u fil-milja tal-Ispirtu s-Santu li bih huma mimlija, biex il-ħajja kollha tagħhom ixxerred 'il-fwieħa ta' Kristu' (2 Kor 2:15)" (K.K.K. 1294).

Nagħlqu din il-katekeżi bil-ħsibijiet profondi u ekumeniċi tal-Patrijarka tal-Knisja Griega Ortodossa ta' Antijokja, Ignazju IV Hazim: "Mingħajr l-Ispirtu, Alla huwa 'l bogħod, Kristu jibqa' fil-passat, l-evanġelju jibqa' aħbar tal-passat, il-Knisja tibqa' sempliċi organizzazzjoni u dominju, il-missjoni tibqa' propaganda... imma fl-Ispirtu, il-ħolqien jieħu l-ħajja, Alla hu tassew fil-qrib, Kristu huwa tassew ħaj u preżenti, l-evanġelju tassew aħbar tajba għal-lum, il-Knisja u l-missjoni esperjenza tassew tal-Pentekoste fejn għandna komunità ħajja, li xxandar u li taqdi".

"L-imhabba taf tistabar u thenn; l-imhabba m'hijiex ghajjura, ma tintefahx biha nfisha, ma titkabbax fuq l-ohrajn; ma taghmilx dakk li mhux xieraq; ma tfittixx dak li hu taghha, xejn ma tinkorla; ma zzommx f'qalbha ghad-deni, ma tifrahx bl-ingustizzja, imma tifrah bil-verita'; kollox taghder, kollox temmen, kollox tittama, kollox tisssaporti. L-imhabba ma tintemm qatt" (1 Kor 13:4-8)

EUROCaterers

**Sales and Contract Hire of Slush Machines.**

Testaferrata Street, Żurrieq
Tel/Fax: (00356) 2164 2647
E-mail: tempOO@nextgen.net.mt
Contact Person: Mario Attard


MOVIE LAND
66, TRIQ MATTEOLO SALIBA, ZURRIEQ
TEL: 27642460
E-MAIL: KKCAMILLERI@GMAIL.COM
TV's - 2 YEARS FULL WARRANTY - All sizes - GREAT PRICES!!!
PHILIPS
Hisense
Panasonic
ATRON
Blu-ray 3D
Smart & Mobile Phones
iPhone 5
Samsung GALAXY S IV
MOVIE LAND
Triq Vince Dimech
Xarolla
Triq Sant' Ant
Katakombi tax-Xarolla
Mitħna tax-Xarolla
Merħba Xarolla
©2013 Google
DVD & BLU-RAY Rentals
• Attractive prices, GREAT SELECTION
Photocopy Service
• Unbeatable quality - Full Colour, B&W
• Print from digital media - CD/USB/MMC
Repair Centre
• WARRANTY issued on most repairs
Mobile Phones
• Latest models, accessories, repairs
DVB-T receivers for Digital Freeview
DVD Players
Computer Accessories
BLU-RAY Players
Tablets
Cordless Phones
• Stand & Desk fans
• High Velocity fans
• With or without remote
• Silent motor

# *It-Tagħlim ta' San Pawl dwar l-Imħabba vera*

***Fr Charles Buttigieg***

***It-Terminu 'Imħabba' f'San Pawl***

Għal San Pawl l-'imħabba' hija l-qofol tad-doni kollha li jagħti Alla lill-bniedem. L-imħabba hija ċ-ċentru tal-ħajja Nisranija u tal-ħajja tal-komunità. Nistgħu ngħidu għalhekk li l-kelma u l-ħsieb tal-imħabba jidwu kontinwament fl-ittri kollha ta' San Pawl. It-terminu li l-iktar li juża San Pawl għall-'imħabba', ibbażata fuq ir-rispett veru lejn xulxin b'rabta mal-imħabba divina, huwa l-verb Grieg *apapao***.** Infatti n-nominattiv *agape* insibuh 75 darba; il-verb *agapao* 34 darba; il-partiċipju (maħbub) *agapetos* 27 darba. Hija għalhekk imħabba vera u għalhekk differenti mit-termini l-oħra għall-'imħabba' li nsibu fil-Grieg klassiku, per eżempju l-kelma *eros*, imħabba tal-bniedem lejh innifsu. Insibu f'San Pawl termini oħra li għandhom din ir-rabta mal-imħabba, per eżempju *eleeo*, 'li turi ħniena', li nsibuha 12-il darba u n-nominattiv *eleos* 'il-ħniena', li nsibuha 10 darbiet; dejjem kważi huma applikati għal Alla. Għandna kelmiet oħra marbuta mal-Grieg *phileo*, per eżempju *philadelphia* 'fratellanza', jew 'imħabba familjari' li nsibuha darbtejn; *philanthropia*, 'imħabba għall-umanità' li nsibuha darba; *philema*, 'bewsa' li nsibuha 4 darbiet; *philotheos*, 'li jħobb lil Alla' insibuha darba; *philoxenia*, 'ospitalità' ukoll darba oħra.

***L-Imħabba ta' Alla fi Kristu***

San Pawl jibni l-messaġġ tal-imħabba fuq l-imħabba salvifika ta' Alla fi Kristu (bil-Grieg: *agape*). Liema mħabba laħqet il-qofol tagħha fuq is-salib: "Iżda Alla wriena l-imħabba tiegħu meta Kristu miet għalina, aħna li konna għadna midinbin" (Rum 5:8); "Imma Alla, għani fil-ħniena tiegħu, bis-saħħa tal-imħabba kbira li biha ħabbna, meta aħna konna mejta minħabba fi dnubietna, tana ħajja ġdida flimkien ma' Kristu, bi grazzja intom salvi" (Ef 2:4-5). Din hija l-imħabba ta' Alla għalina: "U din it-tama ma tqarraqx bina, għax l-imħabba ta' Alla ssawbet fi qlubna permezz tal-Ispirtu s-Santu li kien mogħti lilna" (Rum 5:5); "Hekk hu għażilna fih, sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja, biex inkunu qaddisa u bla tebgħa quddiemu fl-imħabba. Iddestinana li nkunu għalih ulied adottivi permezz ta' Ġesù Kristu" (Ef 1:4-5). Il-bniedem jirrispondi għal din l-imħabba permezz tal-fidi. Infatti l-imħabba f'San Pawl hija marbuta mal-fidi: "għax aħna smajna bil-fidi li għandkom fi Kristu Ġesù, u bl-imħabba tagħkom fi Kristu Ġesù u bl-imħabba tagħkom għall-qaddisin kollha" (Kol 1:4); L-imħabba hija possibbli għaliex il-fidi ta' Kristu twassal lin-Nisrani biex jgħix ħajja tassew ġdida, mhix maħkuma iżjed mid-dnub jew mill-egoiżmu, imma mill-Ispirtu ta' Alla: "Inħeġġiġkom, ħuti, permezz ta' Sidna Ġesù Kristu u permezz tal-imħabba tal-Ispirtu, tqabdu miegħi" (Rum 15:30); "biex skont il-għana tal-glorja tiegħu, jagħtikom li permezz tal-Ispirtu tiegħu, tissaħħu fil-bniedem ta' ġewwa, u li Kristu jgħammar f'qalbkom permezz tal-fidi, biex tniżżlu l-għeruq tagħkom fl-imħabba u fuqha tibnu ħajjitkom. B'hekk tkunu tistgħu tifhmu, flimkien mal-qaddisin kollha, x'inhu l-wisa' u t-tul, il-għoli u l-fond tal-imhabba ta' Kristu; tagħrfu kemm din l-imħabba ta' Kristu tisboq kull għerf, biex timtlew bil-milja kollha ta' Alla" (Ef 3:16-19). Din l-imħabba mela tistedinna biex nemmnu fi Kristu u nħobbu lil xulxin.


PARADISE
WINES & SPIRITS
Tal-Paradise
WHOLESALERS OF WINES
SPIRITS AND SOFT DRINKS
Warehouse
20, TRIQ I-ISKOLA - SAFI
21682125
Also Supplier for EASYGAS
easygas

***L-Imħabba lejn il-Proxxmu***

L-Imħabba għall-proxxmu hija għal San Pawl il-karatteristika l-iktar importanti tal-ħajja Nisranija. Dak kollu li għandna nagħmlu bħala Nsara għandu jirrifletti din l-imħabba vera lill-proxxmu: "Ħa jsir kollox fostkom bl-imħabba" (1 Kor 16:14). Hija l-iktar kariżma importanti: "Issa hawn fidi, tama u mħabba, it-tlieta jibqgħu. Il-kbira fosthom l-imħabba" (1 Kor 13:13). Din hija tassew il-glorja tal-imħabba ta' Alla fina li tidher fl-imħabba lejn il-proxxmu kif naraw tajjeb fil-kapitlu 13 tal-Ewwel Ittra lill-Korintin: "L-imħabba taf tistabar u tħenn; l-imħabba m'hijiex għajjura, ma tintefaħx biha nfisha, ma titkabbarx fuq l-oħrajn; ma tagħmilx dak li mhux xieraq; ma tfittixx dak li hu tagħha, xejn ma tinkorla; ma żżommx f'qalbha għad-deni, ma tifraħx bl-inġustizzja, imma tifraħ bil-verità; kollox tagħder, kollox temmen, kollox tittama, kollox tissaporti. L-imħabba ma tintemm qatt" (1 Kor 13:4-8).

L-Imħabba hija meqjusa u elenkata l-ewwel mill-frott tal-Ispirtu s-Santu: "Il-frott tal-Ispirtu huma: l-imħabba, il-hena, is-sliem, is-sabar, il-ħniena, it-tjieba, il-fidi, il-ħlewwa, ir-rażan. Kontra dawn ma hemmx liġi." (Gal 5:22-23). Hija fuq kollox għal San Pawl il-bażi tal-liġi: "Il-liġi kollha tinġabar f'liġi waħda: 'Ħobb lil għajrek bħalek innifsek'" (Gal 5:14). Mela San Pawl iħares lejn din l-imħabba bħala l-liġi ta' Kristu: "Erfgħu t-tagħbija ta' xulxin, u hekk tkunu qegħdin tħarsu l-liġi ta' Kristu" (Gal 6:2). L-imħabha hija l-qofol tal-liġi l-ġdida fi Kristu: "Tkunu obbligati lejn ħadd ħlief li tħobbu lil xulxin. Kull min iħobb iħares il-bqija tal-liġi. Għax il-kmandamenti: 'La tagħmilx adulterju, la toqtolx, la tisraqx, la tkunx rgħib', u kull preċett ieħor, hu liema hu, kollha jinġabru f'kelma waħda: 'Ħobb il-proxxmu tiegħek bħalek innifsek'. L-imħabba ma tagħmilx deni lill-proxxmu; mela l-imħabba hi l-milja tal-liġi." (Rum 13:8-10). San Pawl jesiġi fuq kollox din l-imħabba fil-qalba tal-ħajja tal-komunitajiet li kien jew qed jevanġelizza, għaliex il-Knisja hija l-ġisem ta' Kristu, hija l-għaqda ta' bejn Alla u l-poplu tiegħu, hu għalhekk għandha tkun dan it-tempju ta' din l-imħabba vera. L-imħabba li twaħħad ma' xulxin il-membri kollha tal-ġisem f'armonija sħiħa u unika: "U fuq kollox ilbsu l-imħabba li hi l-qofol tal-perfezzjoni" (Kol 3:14). Mingħajr l-imħabba dan il-ġisem tal-Knisja ma jistax jaħdem sew: "Qisu li l-imħabba tagħkom ma tkunx wiċċ b'ieħor; tagħmlux il-ħażen; żommu mat-tajjeb. Ħobbu lil xulxin bħal aħwa; fittxu li tistmaw lil xulxin." (Rum 12:9-10); "Ħabirku biex iżżommu Spirtu wieħed bir-rabta tas-sliem: ġisem wieħed u ruħ waħda, l-istess kif kontu msejħa għal tama waħda; Mulej wieħed, fidi waħda, magħmudija waħda." (Ef 4:3-5).

L-Insara għalhekk għandhom jieħdu ħsieb xulxin: "B'hekk ma jkunx hemm firda fil-ġisem, imma l-membri kollha jaħsbu f'xulxin: jekk membru jbati, ibatu lkoll miegħu; jekk membru jitfaħħar, jifirħu lkoll miegħu." (1 Kor 12:25-26); "Ħalli nfittxu, mela, dak li jġib is-sliem u dak li jservi għall-edifikazzjoni ta' xulxin." (Rum 14:19). Hija din it-tip ta' mħabba li tipprepara lin-Nisrani sabiex jiltaqa' ma' Kristu u jilqa' lil Kristu: "U jien dan nitlob: li l-imħabba tagħkom tikber u toktor dejjem iżjed bil-għerf u b'kull dehen, biex tistgħu tagħrfu tagħżlu l-aħjar, u mbagħad tkunu safja u bla ebda ħtija fil-jum ta' Kristu" (Fil 1:9-10).

**Bibljografija**
BRUCE, F.F., *Paul. Apostle of the Heart set Free*, Grand Rapids (MI) 1977.
BUCKLEY, T.W., Apostle to the Nations. The Life and Letters of St. Paul, Boston (MA) 1981.
*Dizionario di Paolo e delle sue Lettere*, G.F. HAWTHORNE – R.P. MARTIN – D.G. REID (eds.), Torino 2000.
GHIDELLI, C., *Un Anno con San Paolo*, *Lettera dell'Arcivescovo di Lanciano – Ortona per l'anno dedicato a San Paolo*, Torino 2008.
LIETZMANN, H., *An die Korinther I/II*, Tübingen 1969.

# ARBURAL

**GĦALL-FESTA NISRANIJA**

**Ix-xahar l-ieħor irċevejtu l-envelopp tal-ARBURAL.**

## Il-Festa tagħna lkoll.

**Is-sehem tiegħek hu IMPORTANTI U TA' ĦTIEĠA KBIRA. Tgħidx: "Kemm kellna festa sabiħa!" u ma tkunx tajt is-sehem tiegħek. Ibgħat l-invilopp lill-Kappillan fl-uffiċċju Parrokkjali biex tinkiteb fil-ktieb tal-arbular**

**GRAZZI! GRAZZI! GRAZZI!**




For
Further
information
please
call
on
2164 1417
La Gatta Bargain Boutique
All items under €35
The La Gatta Bargain Boutique is on your second turn on the right from
La Gatta main outlet in Blue Grotto Avenue.
(Triq l-Imqabba, near the day centre)


FAST, RELIABLE
& AFFORDABLE
Construction Works
Concrete and Form Works
Printed and Stencilled Concrete Paving
Warehouse and Garage Concrete Floor Screeds
Installation of Earth Electrode
Laying of Waterproofing Membrane
Hire of Plant and Machinery
Refurbishing of Pavements
Road Patching Work
J.&K. Contractors Ltd.
102, Triq Il-Hammieri,
Qormi QRM 1505
E: jkcontractors@mail.global.net.mt
T/F: 21447805
M: 99494813 / 99404821

# *"Twelidt fil-Poplu ta' Izrael, mit-Tribu ta' Benjamin, Lhudi mil-Lhud" (Fil 3, 5)*

***Fr Martin Micallef OFMCap***

Pawlu twieled u trabba bħala Lhudi tajjeb. Biżżejjed għalina jekk naqraw dak li huwa kiteb fl-Ittra tiegħu lill-Filippin, fejn jistqarr kif ta' tmint ijiem għamlulu ċ-ċirkonċiżjoni, biex b'hekk daħal jagħmel parti mill-poplu ta' Iżrael skont ma kienet titlob il-Liġi, u li kien "mit-tribu ta' Benjamin, Lhudi mil-Lhud, Fariżew fl-osservanza tal-Liġi" (Fil 3, 5).

Bħala Lhudi, Pawlu kien jemmen li hemm Alla wieħed biss (ara Dewt 6, 4), li ismu huwa YHWH u li dan wera lilu nnifsu lil Mosè fis-siġra taqbad tal-għollieq (ara Eż 3,14-15). Minħabba li l-Lhud dejjem emmnu li Alla ħa bosta inizjattivi fl-istorja, huma fissru t-twemmin tagħhom fih permezz ta' bosta rakkonti. Hekk juru r-rakkonti tal-ħolqien li fihom Alla huwa ippreżentat bħala dak li ħalaq kollox tajjeb. Iżda minħabba li l-bniedem dineb billi m'obdiex lil Alla, il-bniedem ġie kkastigat. Alla mbagħad għażel lil Abraham u wiegħdu nisel kbir, jiġifieri, il-poplu ta' Iżrael.

Alla ħareġ lil dan il-poplu mill-jasar tal-Eġittu. Dan hu l-istess Alla li wera lilu nnifsu lil Mosè fuq is-Sinaj, u hemmhekk daħal f'Patt mal-poplu ta' Iżrael (Eż 19, 3-6). Min-naħa tiegħu, Alla kien wiegħed li se jieħu ħsieb lil Iżrael, filwaqt li dan il-poplu wiegħed ubbidjenza lejn il-Kmandamenti ta' Alla, kif imfissra fil-Liġi tiegħu. Wara li mexxiehom fid-deżert, il-Mulej tahom Art li huwa kien wegħedhom, fejn hemmhekk huwa kompla jikkomunika magħhom permezz tal-Profeti.

Il-Mulej Alla baqa' jieħu ħsieb u jmexxi lil dan il-poplu, iżda huma min-naħa tagħhom urew ruħhom bħala poplu ta' ras iebsa u li dinbu tant drabi. Kien għalhekk li Alla ppermetta li dan il-poplu jitkaxkar fl-Eżilju mill-għedewwa tagħhom, liema ġrajja ġiet interpretata bħala kastig ta' Alla (ara Isa 30,1-5; 8-14). Iżda l-Mulej ħafer lil dan il-poplu u ġabu lura mill-eżilju biex b'hekk wera ruħu bħala Alla ħanin u twajjeb.

Minkejja li l-poplu baqa' jidneb, Alla baqa' juri lilu nnifsu bħala Alla fidil lejn il-wegħdiet tiegħu għax ried li dak li kien wiegħed jitwettaq tassew: dawk il-Lhud li jibqgħu ubbidjenti lejn il-Liġi kellhom jiġu ippremjati, biex b'hekk il-poplu ta' Iżrael jerġa' jikseb il-paċi u l-ġid taħt il-ħakma tan-nisel tas-Sultan David (ara Isa 11,1-9).

It-tmiem ta' din l-istorja kellu jistenna żmien futur. Dan iż-żmien kellu jasal biss meta Alla jerġa' jwaqqaf mill-ġdid is-saltna tiegħu fuq l-art. Dak in-nhar ma jkunx hemm aktar ribelljoni kontra Alla filwaqt li l-ħolqien kollu kellu jkun ubbidjenti lejn Alla. It-tmiem għalhekk kien

ifisser kastig jew premju. Għal dawk li kienu diżubbidjenti lejn il-Kmandamenti ta' Alla, Jum il-Mulej kellu jfisser jum ta' ġudizzju u ta' rabja (ara Ġoel 2, 2).

Dan hu t-twemmin Lhudi li Pawlu trabba fih u li tgħallem sa minn ċkunitu. Meta Pawlu ġie ikkonfrontat minn Kristu Rxoxt fit-triq ta' Damasku dan ma kienx ifisser li huwa ma baqgħax Lhudi jew li kien abbanduna t-twemmin tiegħu. Pawlu ma kkonvertiex mill-Ġudaiżmu. Minflok, huwa ġie msejjaħ lejn twemmin li jistqarr lil Ġesù Kristu bħala l-Messija Imwiegħed, u għalhekk twemmin li juri kif kienu qed jitwettqu l-wegħdiet kollha ta' Alla fil-persuna ta' Ġesù Kristu rxuxtat.

Il-fidi ta' Pawlu ġiet iffurmata f'dan il-kuntest tat-twemmin Lhudi li fih huwa trabba. Huwa kompla jemmen f'Alla ta' Missirijietu, filwaqt li baqa' jistmerr kull qima mogħtija lill-idoli, tant illi meta huwa mar ixandar l-Evanġelju lill-Pagani, huwa kellu jipperswadihom sabiex "iduru lejn Alla u jitilqu lill-idoli biex jaqdu lil Alla ħaj u veru" (1 Tess 1, 9). Huwa f'dan il-kuntest ta' twemmin f'Alla wieħed biss u veru, li l-messaġġ tiegħu dwar Ġesù Kristu, bħala l-Iben Mibgħut tal-Missier, seta' jagħmel sens.

Għal Pawlu, il-qawmien ta' Ġesù kienet tfisser ġrajja li qalbet ta' taħt fuq l-effetti tad-dnub li aħna writna bid-dnub tal-ewwel ġenituri tagħna (ara Rum 5,15-21). Għal Pawlu issa kien żernaq żmien ġdid (ara 2 Kor 5,17). Bħala konsegwenza ta' dan, Pawlu baqa' jemmen ukoll li Alla kien wera lilu nnifsu lil Mosè u li l-Liġi li kienet ġiet mogħtija lil Iżrael permezz ta' Mosè kienet waħda qaddisa, ġusta u tajba (ara Rum 7,12). Iżda Pawlu issa emmen ukoll li Alla wera ruħu b'mod aktar sħiħ f'Ibnu Ġesù Kristu (ara 2 Kor 3, 10; 4, 4). U jekk fl-imgħoddi Alla kien tkellem permezz tal-profeti, issa l-kliem tagħhom kellu jiġi interpretat fid-dawl tal-persuna ta' Ġesù Kristu.

Għal Pawlu, mela, Alla ma kienx abbanduna l-poplu tiegħu. Kif jikteb fl-Ittra lir-Rumani: "tagħhom hija l-adozzjoni ta' wlied Alla u l-glorja, il-pattijiet u l-Liġi, il-liturġija u l-wegħdiet; tagħhom huma l-patrijarki; u kien minnhom, li skont il-ġisem, ħareġ Kristu" (Rum 9, 4-5). Pawlu jinsisti li Alla kien żamm il-wegħdiet tiegħu (Rum 9, 6). Il-wegħdiet li huwa kien għamel ma' Abraham issa kienu ġew imwettqa fil-persuna ta' Ġesù Kristu.

Skont Pawlu, kien permezz ta' Ġesù Kristu li issa nfetħu toroq kbar u wiesgħa ta' kif għandna naqraw u nifhmu l-Iskrittura, li sa dak iż-żmien li fih għex Pawlu kienet tikkonsisti biss f'dak li aħna l-Insara llum insejħulu t-Testment il-Qadim. Dan hu l-kontribut kbir li ta Pawlu fl-ewwel snin tat-twelid tal-Knisja, meta huwa kiteb l-Ittri tiegħu qabel ma nkitbu l-Evanġelji. Kien Pawlu li beda jagħti kontenut lit-twemmin tagħna fil-persuna ta' Ġesù Kristu meta huwa għaqqad it-teoloġija li huwa kien tgħallem ma' dak li Ġesù Kristu kiseb għalina bil-mewt u l-qawmien tiegħu.

# *X'inhu l-Essenzjal?*

Darba waħda l-pulizija ġew imsejħa biex jinvestigaw inċident tat-traffiku fejn mara ġiet imtajra minn karozza li baqgħet sejra. Il-vittma, mara ta' madwar ħamsa u erbgħin sena, kienet għadha fl-art storduta meta waslu l-pulizija. Kif raw li ġiet f'tagħha, wieħed pulizija resaq lejha u staqsieha: 'Sinjura, irnexxielek tara n-numru tal-karozza li laqtitek?'

'Le, in-numru ma nafux,' irrispondiet il-mara milquta, 'imma naf żgur li l-mara li kienet qiegħda ssuq kienet liebsa kappell aħmar bil-fjuri sofor fil-ġenb tiegħu. U kellha ġakketta griża fuq *blouse* abjad.'
Ta' min jgħidilha miskina lil din il-mara! Tat l-attenzjoni kollha fuq id-dettalji ta' x'kienet liebsa s-sewwieqa u ħarbilha l-essenzjal … in-numru tal-karozza.

Ħafna huma n-nies li jitilfu l-iskop ewlieni tal-eżistenza tagħhom. Moħħhom biss fl-affarijiet li xejn ma huma bżonnjużi u jħallu għaddej dak li hu meħtieġ. Fil-ġenn tal-ħajja mgħaġġla tal-lum xejn ma tkun sorpriża li aħna ninġarru mill-inkwiet u l-problemi ta' kuljum, jekk ma nkunux moħħna hemm.
Biex inżommu ruħna dejjem attenti u fit-triq li twassalna ħdejn Alla, hemm bżonn li nżidu t-talb intimu fis-skiet mal-Mulej.

# *Kemm Ħabbna l-Mulej*

F'dan iż-żmien li fih qed toqrob il-festa tal-Parroċċa tagħna mill-ewwel tiġina f'moħħna l-ikbar ġrajja tal-istorja ta' pajjiżna. Il-Providenza ta' Alla ġabet fuq ix-xtut ta' Malta, waqt maltempata kbira, lill-Appostlu San Pawl.

Ġabilna l-Fidi ta' Kristu u tana l-ħajja Nisranija – għalhekk insejħulu 'Missierna'. Għandna xorti kbira li rċevejna t-tagħlim tal-Evanġelju 27 sena biss wara l-mewt ta' Ġesù. Kemm ħabbna l-Mulej li sejħilna kmieni għal din ix-xorti kbira.

Il-fidi Nisranija hi l-ikbar teżor li għandha Art Twelidna. Kemm għandna għax nirringrazzjaw 'l Alla u kemm għandna nagħmlu ħilitna kollha biex dan it-teżor ngħożżuh u ngħadduh lil uliedna u lill-ġenerazzjoni li tielgħa.

Nitolbu lil San Pawl biex ikun tassew Patrun tal-gżejjer tagħna u jkompli jgħinna biex ngħożżu u nżommu dejjem ħajja u qawwija l-Fidi li hu ġabilna. Ħa nimxu fuq il-passi ta' dan l-Appostlu, u mhux biss aħna nkunu nies ta' Fidi, iżda naħdmu biex bl-eżempju tagħna ngħinu lil ħutna biex huma wkoll iżommu ħajja fihom il-Fidi f'Alla.

SAFI
PHARMACY

Opening Hours

8.00am- 12.30pm
4.00pm - 7.00pm

TEL: 21649552
Triq San Gwann,Safi.

# *Mir-Reġistri tal-Parroċċa*

*(Mill-Festa l-oħra 'l hawn)*



**Bdew il-Ħajja Nisranija**

Liam Portelli, Matthias Joseph Busuttil, Paul Francesco Busuttil, Aidan Abdilla, Benjamin Paul Zammit, Jamie Grech, Federika Monreal, Francesca Monreal, Nathan Dingli, Francesco Farrugia, Chezney Agius, Randolph Scerri, Edison Zammit Douglas, Nathan Busuttil, Lucija Cachia, Mark Lucas Borg, Karl Michael Borg, Jack Benjamin Zahra, Jermaine Ellul, Anoushka Ellul, Denise Polidano, Russell Curmi, Julia Rebecca Brincat, Dejan Micallef, Yan Schembri, Martina Cutajar, Danny Mark Brincat, Waylen Sciberras, Eliza Busuttil.

**NIFIRĦULHOM!**




**Għamlu l-Ewwel Tqarbina**
***15 ta' Ġunju 2014:***

Calleja Martina, Debattista Rachelle, Delmar Noelene, Galea Danika, Gauci Laura, Magri Dana, Zammit Kessidy, Camilleri Kristian, Cutajar Clyan, Farrugia Aidan, Schembri Ziann, Xuereb Dejan, Xuereb Kayden, Zammit Ryden.

**NAWGURAWLHOM!**



**Irċevew il-Griżma tal-Isqof**
***27 ta' Ottubru 2013***

Attard Ryan, Azzopardi Mikael, Bartolo Gian Michele, Brincat Samuel, Bugeja Alan, Cachia Damien, Callus Russell, Cutajar Luke, Farrugia Kyle, Farrugia Timothy, Galea Arthur, Mangion David, Mifsud Luca, Montebello Miguel Antonio, Sammut Sharmison, Seychell Jake, Tabone Dylan, Aquilina Nicola, Borg Clarissa, Brincat Ilenia, Busuttil Nicole, Farrugia Raissa, Stellini Britney.

**L-ISPIRTU TA' ALLA JKABBARKOM FIH!**



## Ingħaqdu fis-Sagrament taż-Żwieġ

Svetlick Stellini ma' Maria Camilleri, Jean Pierre Attard ma' Stephania Ciappara, Stefan Sant ma' Sarah Paola Schembri.

**NAWGURAWLHOM!**



## Daħlu Jistrieħu fil-Ħajja ta' Dejjem

Joan Pace, Olga Galea, Ursola Magri, Carmela Grech, Benedetta Zammit, Pio Zammit, Ġanni Farrugia, Abraham Schembri, Clara Dalli, Antonia Zammit, Emanuel Camilleri, Mary Carmen Polidano, John Tyson, Angela Busuttil, Catherine Zammit, Cecilia Mifsud u Joe Cachia.

**NITOLBU GĦALIHOM!**



# FESTA TAL-MADONNA TAR-RUŻARJU F'ĦAL SAFI

Il-Fratellanza tar-Rużarju
tixtieq tistedinkom
għall-Festa tal-Madonna
nhar il-**Ħadd 12 ta' Ottubru 2014**.

***Programm:***
Fil-**5.30 pm** Quddiesa bi ħsieb żgħir.
Fis-**6.15 pm** Proċessjoni/Pellegrinaġġ *aux flambeaux* (xemgħa tixtruha mill-Knisja apposta biex tkantaw minn fuqha).

**Narawkom sabiex nitolbu flimkien it-talba li tant togħġob lil Ommna Marija.**

***MARIJA TAR-RUŻARJU, ITLOB GHALINA.***



*N.B. Matul Ottubru fil-Knisja jsir Rużarju meditat fis-7.15 am u fis-6.00 pm.*



*PUSSESS TAL-KAPPILLAN IL-ĠDID TA' ĦAL SAFI*
*DUN DAVID FARRUGIA*

*Quddiesa konċelebrata mill-Eċċ. Mons. Arċisqof P. Cremona OP.*
*Il-Ħadd 5 ta' Ottubru 2014 (filgħaxija)*
*Ħinijiet aktar tard*

*Quddiesa kuljum tagħmel il-ġurnata isbaħ.*
*Ġesù l-ħin kollu jistenniena.*

**Ħinijiet tal-Quddies**
**PARROĊĊA SAN PAWL – SAFI**

**Matul il-ġimgħa – 7.30 am u 6.30 pm.**
**Ħdud u Festi Kmandati – 6.45 am, 8.15 am, 10.00 am.**
**Filgħaxija – 5.30 pm (fix-xitwa), 6.00 pm (fis-sajf).**


Festa Liturġika Konverżjoni ta' San Pawl 2014


Ħamis ix-Xirka 2014


Qalb ta' Ġesu 2014


Introduzzjoni tal-Kappillan il-ġdid

POLIDANO

**DELIVERING
LANDMARK DEVELOPMENTS
AND CRITICAL INFRASTRUCTURE
FOR OVER 30 YEARS**

www.polidano-group.com
info@polidano-group.com